KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 2338

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 155 tas-16 ta' Ottubru 2023 mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

_____

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

L-ERBATAX-IL PARLAMENT

KUMITAT TAL-KONTIJIET DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

LAQGĦA NRU 3

It-Tlieta, 10 ta' Jannar, 2023.

Il-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5.04 p.m.

L-Onor. Chris Fearne, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, ippresieda.

PREŻENTI

L-Onor. Glenn Bedingfield; l-Onor. Rebekah Borg; l-Onor. Darren Carabott; u l-Onor. Naomi Cachia (sostituta tal-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar), kienu preżenti.

Kien hemm preżenti wkoll u ħadu sehem fid-diskussjoni, l-Onor. Graham Bencini; l-Onor. Alicia Bugeja Said (Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali), l-Onor. Janice Chetcuti, l-Onor. Clifton Grima (Ministru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u

l-Innovazzjoni); u l-Onor. Anton Refalo (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali).

MINUTI

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 2, li saret fit-12 ta' Ottubru 2022, ġew ikkonfermati.

RIŻOLUZZJONI DWAR MODIFIKA PARZJALI FIL-KUNTRATT ENFITEWTIKU TEMPORANJU DATAT 12 TA' FRAR 2016 FL-ATTI TAN-NUTAR DIANA GALEA DWAR L-ISPTAR VETERINARJU F'TA' QALI, LIMITI TA' Ħ'ATTARD (Dok. 8)

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ippropona din ir-riżoluzzjoni:

> Billi hija l-politika tal-Gvern illi l-annimali domestiċi jingħataw kura tal-aqwa kwalità f'każ ta' mard jew aċċidenti mhux mistennija.
>
> Illi l-isptar veterenarju li jinsab f'Ta' Qali limiti ta' Ħ'Attard hu l-uniku sptar għall-annimali f'Malta.
>
> Dan l-isptar oriġinarjament inbena mill-Gvern b'fondi pubbliċi bejn is-snin 2008 u 2010 bħala *animal after care centre* u ġie msejjaħ Klinika San Franġisk.
>
> F'Settembru tal-2010, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru, li dak iż-żmien kien magħruf bħala l-

Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (MRRA), daħal fi ftehim għat-tmexxija tal-kumpless bħala klinika għall-annimali għal terminu ta' ħames snin ma' Veterenarju privat Malti (Dr Trevor Zammit).

Illi f'għeluq it-terminu tal-imsemmija ħames snin fl-2015, il-Veterenarju Zammit informa lill-Gvem illi ma kienx interessat li jestendi l-ftehim għall-ebda terminu ieħor.

Sussegwentament, f'Awwissu tal-2015, it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern ħarget sejħa għall-offerti għal għotja b'ċens temporanju ta' 25 sena b'kundizzjonijiet *inter alia* simili għal dawk inklużi fil-ftehim tal-2010 u illi ġew imposti xi kundizzjonijiet addizzjonali mid-Direttorat tal-Artijiet b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali, inkluż bħala kundizzjoni illi l-kumpless imsemmi jiġi kompletament ikkonvertit fi sptar tal-annimali li jikkonforma mal-provvedimenti tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 242 tal-2013.

Illi s-sejħa ġiet aġġudikata favur l-uniku afferent, Animal Pro Health (A.P.H.) Ltd illum APH Ltd.

Eventwalment ġie ppubblikat l-att enfitewtiku fit-12 ta' Frar 2016 fl-atti tan-Nutar Diana Galea (nee' Charles).

Illi flimkien maċ-ċens annwu u rivedibbli ta' €19,450, APH Ltd ġiet marbuta tipprovdi 2000 servizz annwali fuq bażi 24/7 lill-annimali riferuti mill-Animal Welfare Protection and Services Directorate (AWPSD), inkluż mediċini u prodotti konsumabbli relatati *at cost price*. Flimkien ma' dawn ġiet ukoll imposta kundizzjoni

li jingħata skont ta' 25% fil-prezz għas-servizzi offruti lill-pazjenti ta' organiżżazzjonijiet mhux Governattivi.

F'Settembru 2016, APH Ltd kisbu permess għal żvilupp mill-awtoritajiet kompetenti (PA/4783/15) biex il-klinika San Franġisk tkun tista' tiġi kkonvertita fi sptar tal-annimali konformi mal-liġi.

Illi l-bidla minn klinika għal sptar sar miċ-ċenswalist fi żmien pjuttost qasir b'investiment fl-istruttura u apparat b'valur ta' mijiet ta' eluf ta' ewro, biex b'hekk is-servizzi offruti lil AWPSD u oħrajn saru uniċi, u li jingħataw minn tobba, veterinarji u mpjegati oħra speċjaliżżati fil-qasam mediku tal-annimali, ġo sptar tal-aqwa standards Ewropej.

Iċ-ċenswalist ta' spiss ġibed l-attenzjoni li l-operat tal-isptar mhux sostenibbli, prinċiparjament dovut għal xi kundizzjonijiet imposti fil-kuntratt enfitewtiku tal-2016.

Intant, fl-2019, ġie kkummissjonat studju mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali biex jiġi evalwat il-vijabilità u l-prezz tas-servizzi diversi li jingħataw mill-isptar, speċjalment lil dawk il-pazjenti riferuti mill-AWPSD. L-evalwazzjoni inkludiet ukoll iż-

żmien tal-akkomodazzjoni waqt li l-imsemmija pazjenti jkunu qed jiġu rikoverati.

Illi f'dan l-istudju ġie determinat li s-servizzi mogħtija jiswew €0.71 kull minuta ta' attenzjoni u €60.00 ta' kull lejl waqt li l-annimal qed jiġi rikoverat.

Illi minn dan l-istudju ġie kkonfermat li biex jitmexxa l-isptar b'mod ekonomikament vijabbli hemm sfidi kbar u dan minħabba ċirkostanzi li tfaċċaw jew ġew realizzati preċiżament wara li beda jopera l-isptar u partikolarment minħabba l-kundizzjonijiet imposti bil-kuntratt enfitewtiku attwali tal-2016.

Illi bħala spejjeż rikorrenti fost oħrajn hemm l-ispiża kapitali li tiġi nvestita regolarment minħabba n-natura tas-servizzi offruti, il-manutenzjoni li dejjem tiżdied u obb1igi veterinarji Ewropej li jiġu mposti minn żmien għal żmien. Flimkien ma' dawn hemm l-ispejjeż diversi ta' infermiera u speċjalisti veterinarji sew Maltin u barranin, inkluz l-alloġjar, trasport u diversi perkaċċi tagħhom. Iżda, l-aktar piż hu s-servizzi li jingħataw (kważi b'xejn) lill-AWPSD.

Illi wieħed irid jifhem li l-pazjenti li jittieħdu mill-AWPSD jkunu jenħtieġu ħafna aktar attenzjoni u ħin biex jirkupraw minn pazjenti li jkunu gejjin minn djar privati meta wieħed iqis l-ambjent li jkunu ġejjin minnu nkluż il-fatt li sidien privati jieħdu l-annimali tagħhom

id-dar malajr kemm jista' jkun biex jevitaw aktar spejjeż u inkonvenjent.

Għal dawn ir-raġunijiet, kif ukoll l-obbligu li pazjenti tal-AWPSD jinżammu ġranet sħaħ u t-tip ta' trattament illi jingħataw, qed jaffettwa negattivament l-operat tal-isptar.

Illi fiċ-ċirkostanzi sabiex l-uniku sptar tal-annimali f'Malta jibqa' jopera b'sostenn u ma jkollux jagħaq il-bibien huwa propost illi ssir modifika tal-kuntratt enfitewtiku attwali skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet oriġinali ħlief għal dawk kif modifikati jew miżjuda fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness u dan sabiex il-kwalità tas-servizzi mogħtija jibqgħu sostenibbli fuq kollox skond regoli u standards Ewropej.

Billi d-definizzjoni ta' trasferiment fl-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tinkludi wkoll kull tibdil ta' xi kundizzjoni.

U billi fl-artiklu 31, sub-artiklu (c) ta' Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), huwa maħsub li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita jew jista' jsir tibdil ta' xi kundizzjoni) skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment. (Kliem fil-parentesi miżjud).

Billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-kuntratt enfitewtiku temporanju datat 12 ta' Frar 2016 fl-Atti tan-Nutar Diana Galea jiġi parzjalment modifikat skond il-modifiki fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness.

Wara diversi domandi min-naħa tal-Membri tal-Kumitat u risposti mill-Ministru kif ukoll minn Dr Marika Gatt, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali, il-Kumitat qabel li jgħaddi għar-riżoluzzjonijiet l-oħra li jidhru fuq l-aġenda sakemm isiru xi emendi għar-riżoluzzjoni u d-dokumenti annessi magħha.

RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' ART LIL HAMRUN SPARTANS FOOTBALL CLUB (Dok. 9)

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona din ir-riżoluzzjoni:

Sabiex l-ispazji riservati għall-isport fil-komunità jkomplu jikbru u sabiex dejjem ikomplu jinħolqu spazji rikreattivi ġodda għat-tfal u ż-żgħażagħ.
Jiġi mmassimizzat il-potenzjal ta' proprjetà li tinsab diġà fil-pussess ta' għaqdiet sportivi b'titolu ta' kera.

Din il-Kamra tirriżolvi li permezz ta' Sport Malta, tiġi trasferita lis-segwenti għaqda sportiva – Ħamrun Spartans Football Club – art skont l-abbozz tal-att

pubbliku u pjanti annessi, skont u bis-saħħa tal-Att dwar l-Isport (Kap. 455) u li se jkun qed jinbidel tali titolu għal wieħed ta' ċens.

Din il-Kamra tirriżolvi l-appoġġ sħiħ tagħha għal dan l-imsemmi trasferiment.

Wara introduzzjoni qasira mill-Ministru, iċ-Chairman għadda sabiex ipoġġi l-mistoqsija fuq ir-riżoluzzjoni u din għaddiet b'mod unanimu.

Għalhekk, skond Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, din kellha tiġi riferita lill-Kamra għall-vot mingħajr diskussjoni.

RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' ART LIL LUQA ST ANDREWS FOOTBALL CLUB (Dok.10)

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona din ir-riżoluzzjoni:

Sabiex l-ispazji riservati għall-isport fil-komunità jkomplu jikbru u sabiex dejjem ikomplu jinħolqu spazji rikreattivi ġodda għat-tfal u ż-żgħażagħ.

Jiġi mmassimizzat il-potenzjal ta' proprjetà li tinsab diġà fil-pussess ta' għaqdiet sportivi b'titolu ta' kera.

Din il-Kamra tirriżolvi li permezz ta' SportMalta, tiġi trasferita lis-segwenti għaqda sportiva – Luqa St Andrew's Football Club - art skont l-abbozz tal-att

pubbliku u pjanti annessi, skont u bis-saħħa tal-Att dwar l-Isport (Kap. 455) u li se jkun qed jinbidel tali titolu għal wieħed ta' ċens.

Din il-Kamra tirriżolvi l-appoġġ sħiħ tagħha għal dan l-imsemmi trasferiment.

Wara introduzzjoni qasira mill-Ministru, iċ-Chairman għadda sabiex ipoġġi l-mistoqsija fuq ir-riżoluzzjoni u din għaddiet b'mod unanimu.

Għalhekk, skond Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, din kellha tiġi riferita lill-Kamra għall-vot mingħajr diskussjoni.

Fil-5.26 p.m. il-Kumitat ġie sospiż u rriżuma fis-6.18 p.m.

RIŻOLUZZJONI DWAR MODIFIKA PARZJALI FIL-KUNTRATT ENFITEWTIKU TEMPORANJU DATAT 12 TA' FRAR 2016 FL-ATTI TAN-NUTAR DIANA GALEA DWAR L-ISPTAR VETERINARJU F'TA' QALI, LIMITI TA' Ħ'ATTARD (Dok. 11)

Ġew imqassma kopji tar-riżoluzzjoni emendata flimkien mad-dokumenti annessi.

Imbagħad il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ippropona din ir-riżoluzzjoni:

Billi hija l-politika tal-Gvern illi l-annimali domestiċi jingħataw kura tal-aqwa kwalità f'każ ta' mard jew aċċidenti mhux mistennija.

Illi l-isptar veterenarju li jinsab f'Ta' Qali limiti ta' Ħ'Attard hu l-uniku sptar għall-annimali f'Malta.

Dan l-isptar oriġinarjament inbena mill-Gvern b'fondi pubbliċi bejn is-snin 2008 u 2010 bħala *animal after care centre* u ġie msejjaħ Klinika San Franġisk.

F'Settembru tal-2010, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru, li dak iz-zmien kien magħruf bħala l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (MRRA), daħal fi ftehim għat-tmexxija tal-kumpless bħala klinika għall-annimali għal terminu ta' ħames snin ma Veterenarju privat Malti (Dr Trevor Zammit).

Illi f'għeluq it-terminu tal-imsemmija ħames snin fl-2015, il-Veterenarju Zammit informa lill-Gvern illi ma kienx interessat li jestendi l-ftehim għall-ebda terminu ieħor.

Sussegwentament, f'Awwissu tal-2015, it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern ħarġet sejħa għall-offerti għal għotja b'ċens temporanju ta' 25 sena b'kundizzjonijiet *inter alia* simili għall-dawk inklużi fil-ftehim tal-2010 u illi ġew imposti xi kundizzjonijiet addizzjonali mid-Direttorat tal-Artijiet b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali, inkluż bħala kundizzjoni illi l-kumpless imsemmi jiġi kompletament ikkonvertit fi sptar tal-annimali li jikkonforma mal-provvedimenti tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 242 ta' l-2013.

Illi s-sejħa ġiet aġġudikata favur l-uniku offerent, Animal Pro Health (A.P.H.) Ltd illum A.P.H LIMITED

Eventwalment ġie ppubblikat l-att enfitewtiku fit-12 ta' Frar 2016 fl-atti tan-Nutar Diana Galea (nee' Charles), DOK X.

Illi flimkien maċ-ċens annwu u rivedibbli ta' €19,450, Animal Pro Health (A.P.H.) Ltd illum A.P.H LIMITED ġiet marbuta tipprovdi 2000 servizz annwali fuq bażi 24/7 lill-annimali referuti mill-Animal Welfare Protection and Services Directorate (AWPSD) illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD), inkluż mediċini u prodotti konsumabbli relatati *at cost price.* Flimkien ma' dawn ġiet ukoll imposta kundizzjoni li jingħata skont ta' 25% fil-prezz għas-servizzi offruti lill-pazjenti ta' organiżżazzjonijiet mhux Governattivi.

F'Settembru 2016, Animal Pro Health (A.P.H.) Ltd illum A.P.H LIMITED kisbu permess għall-żvilupp mill-Awtoritajiet kompitenti (PA/4783/15) biex il-klinika San Franġisk tkun tista tiġi kkonvertita fi sptar tal-annimali konformi mal-liġi.

Illi l-bidla minn klinika għal sptar sar miċ-ċenswalist fi żmien pjuttost qasir b'investiment fl-istruttura u apparat b'valur ta' mijiet ta' eluf ta' ewro, biex b'hekk is-servizzi offruti lil AWPSD illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD), u oħrajn saru uniċi, u li jingħataw minn tobba, veterinarji u impjegati oħra speċjalizzati fil-qasam mediku ta' l-annimali, ġo sptar tal-aqwa standards Ewropej.

Iċ-ċenswalist ta' spiss ġibed l-attenzjoni li l-operat tal-isptar mhux sostenibbli, prinċiparjament dovut għal xi kundizzjonijiet imposti fil-kuntratt enfitewtiku tal-2016.

Intant, fl-2019, ġie kkummisjonat studju mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali biex tiġi evalwata l-vijabilità u l-prezz tas-servizzi diversi li jingħataw mill-isptar, speċjalment lil dawk il-pazjenti riferuti mill-AWPSD illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD). L-evalwazzjoni inkludiet ukoll iż-żmien ta' l-akkomodazzjoni waqt li l-imsemmija pazjenti jkunu qed jiġu rikoverati.

Illi f'dan l-istudju ġie determinat li s-servizzi mogħtija jiswew €0.71 kull minuta ta' attenzjoni u €60.00 ta' kull lejl waqt li l-annimal qed jiġi rikoverat.

Illi minn dan l-istudju ġie kkonfermat li biex jitmexxa l-isptar b'mod ekonomikament vijabbli hemm sfidi kbar u dan minħabba ċirkustanzi li tfaċċaw jew ġew rejalizzati preċiżament wara li beda jopera l-isptar u partikolarment minħabba l-kundizzjonijiet imposti bil-kuntratt enfitewtiku attwali ta' l-2016.

Illi bħala spejjeż rikorrenti fost oħrajn hemm l-ispiża kapitali li tiġi investita regolarment minħabba n-natura tas-servizzi offruti, il-manutenzjoni li dejjem tiżdied u obbligi veterinarji Ewropej li jiġu imposti minn żmien għal żmien. Flimkien ma' dawn hemm l-ispejjeż diversi ta' infermiera u speċjalisti veterinarji sew Maltin u barranin, inkluż l-alloġjar, trasport u diversi perkaċċi tagħhom. Iżda, l-aktar piż hu s-servizzi li jingħataw

(kważi b'xejn) lil AWPSD illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD).

Illi wieħed irid jifhem li l-pazjenti li jittieħdu mill-AWPSD illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD), ikunu jenħtiegu ħafna aktar attenzjoni u ħin biex jirkupraw minn pazjenti li jkunu ġejjin minn djar privati meta wieħed iqis l-ambjent li jkunu ġejjin minnu inkluż il-fatt li sidien privati jieħdu l-annimali tagħhom id-dar malajr kemm jista jkun biex jevitaw aktar spejjeż u inkonvenjent.

Għal dawn ir-raġunijiet, kif ukoll l-obbligu li pazjenti tal-AWPSD illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD), jinżammu ġranet sħaħ u t-tip ta' trattament illi jingħataw, qed jaffettwa negattivament l-operat tal-isptar.

Illi fiċ-ċirkustanzi sabiex l-uniku sptar tal-annimali f'Malta jibqa' jopera b'sostenn u ma jkollux jagħlaq il-bibien huwa propost illi ssir modifika tal-kuntratt enfitewtiku attwali skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet oriġinali ħlief għal dawk kif modifikati jew miżjuda fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness u dan sabiex il-kwalità tas-servizzi mogħtija jibqgħu sostenibbli fuq kollox skond regoli u standards Ewropej.

Billi d-definizzjoni ta' trasferiment fl-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tinkludi ukoll kull tibdil ta' xi kundizzjoni.

U billi fl-artiklu 31, sub-artiklu (ċ) ta' Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), huwa maħsub li

art li tkun proprjeta` tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita (jew jista jsir tibdil ta' xi kundizzjoni) skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment. (Kliem fil-parentesi miżjud).

Billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi il-kuntratt enfitewtiku temporanju datat 12 ta' Frar 2016 fl-Atti tan-Nutar Diana Galea jiġi parzjalment modifikat skond il-modifiki fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness.

Il-Ministru ressaq din l-emenda "A"

"Paragrafu 3g li hemm f'paġna 5 tad-draft deed għandu jiġi jaqra hekk:

g.Condition Twelve paragraph letter 'h' (12[h]) :
'The Emphyteuta must provide a minimum of twenty-five percent (25%) discount on the commercial price for veterinary services such as consultations, neutering, surgical operations and treatment rendered to AWD and to registered voluntary organisations and/or non-governmental organisations working with stray animals. Such discount has to be clearly shown on every invoice issued to AWD and such organisations.'.".

Il-Kumitat reġa' ġie sospiż fis-7.30 p.m. u rriżuma fis-7.40 p.m.

Id-diskussjoni dwar din ir-riżoluzzjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

Fit-7.50 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data u b'aġenda li kellhom jiġu kkomunikati aktar tard.

ANNA BRINCAT
SKRIVANA TAL-KUMITAT

KONFERMATI

ONOR. CHRIS FEARNE, M.P.

DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA CHAIRMAN TAL-KUMITAT

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

KUMITAT TAL-KONTIJIET DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

(Rapport Uffiċjali u Rivedut)

L-ERBATAX-IL PARLAMENT

Laqgħa Nru 3
It-Tlieta, 10 ta' Jannar 2023

Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan
Kamra tad-Deputati
Malta

Prezz €2.50

L-ERBATAX-IL PARLAMENT

KUMITAT TAL-KONTIJIET DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Laqgħa Nru 3
It-Tlieta, 10 ta' Jannar 2023

Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5.04 p.m.

Talba

MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 2, li saret fit-12 ta' Ottubru 2022, ġew ikkonfermati.

RIŻOLUZZJONI DWAR MODIFIKA TAL-KUNTRATT ENFITEWTIKU TEMPORANJU DATAT 12 TA' FRAR 2016 DWAR TRASFERIMENT TA' ART F'TA' QALI GĦAL SPTAR TAL-ANNIMALI

IĊ-CHAIRPERSON (Onor. Chris Fearne): Il-Ministru Anton Refalo.

ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali): Sur President, fit-12 ta' Frar 2016 kien sar kuntratt għand in-Nutar Galea bejn il-Gvern ta' Malta u l-Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change (MSDEC) u APH Limited, li qabel kien jisimha Animal Pro Health (APH) Limited, fejn għall-ewwel darba f'Malta twaqqaf sptar tal-annimali. Irrid ngħid ukoll li dan huwa l-uniku sptar tal-annimali li għandna f'Malta u Għawdex, jiġifieri jekk jieqaf dan l-isptar m'għandniex ieħor. Għaldaqstant, kien sar dan il-kuntratt fl-2016, u maż-żmien l-operatur – qed nirriferi għal APH Ltd – sab lilu nnfisu fl-impossibilità li jonora l-kundizzjonijiet li hawn fil-kuntratt, b'tali mod u manjiera li kien hemm ukoll il-periklu li dan l-isptar jagħlaq. Għaldaqstant, iddiskutejna l-kundizzjonijiet u wasalna biex inressqu dawn l-emendi li nħossu li huma neċessarji.

L-ewwel nett, irrid ngħid li qegħdin nitolbu emenda fil-kuntratt, fis-sens li peress li dan kien sar is-sena l-oħra, l-Animal Welfare Promotion and Services Directorate (AWPSD), trid tiġi taqra Animal Welfare Department (AWD). Għalhekk qed nitolbu li jkun hemm emenda f'dan is-sens.

IĊ-CHAIRPERSON: Ministru, jiġifieri qed tagħmel emenda *ad hoc* issa?

ONOR. ANTON REFALO: Iva, qed nagħmilha issa.

IĊ-CHAIRPERSON: Mela ippproponiha ħalli jkollna kollox iddokumentat.

ONOR. ANTON REFALO: Nippproponi li fil-kuntratt oriġinali:

> "Fit-tieni item li hemm taħt "DEFINITIONS" il-kliem "Animal Welfare Promotion and Services Directorate (AWPSD)", trid tiġi taqra "Animal Welfare Department (AWD)".".

ONOR. DARREN CARABOTT: M'iniex qed insegwi.

ONOR. ANTON REFALO: M'għandkomx il-kuntratt?

ONOR. DARREN CARABOTT: Li għandna huwa l-kuntratt tal-varjazzjoni tal-kundizzjonijiet.

ONOR. ANTON REFALO: Qed nirriferi għall-kuntratt oriġinali.

ONOR. DARREN CARABOTT: M'għandniex.

ONOR. ANTON REFALO: Bilfors irid ikollok il-kuntratt oriġinali biex tara kif se jiġi emendat.

IĊ-CHAIRPERSON: Imma m'għandniex, ma tajtulniex.

ONOR. REBEKAH BORG: Fil-fatt dik kienet se tkun waħda mill-mistoqsijiet tagħna, u ċjoè li m'għandniex il-kuntratt oriġinali tal-2016.

IĊ-CHAIRPERSON: Forsi s-Segretarju Permanenti jista' jagħmlilna kopji tal-kuntratt. Ministru, jiġifieri inti qed tgħid li fil-kuntratt oriġinali fejn hemm miktub Animal Welfare Promotion and Services Directorate (AWPSD) għandhom jidħlu l-

kliem Animal Welfare Directorate (AWD).

ONOR. ANTON REFALO: Iva.

IĊ-CHAIRPERSON: Dan huwa wieħed mill-firmatarji tal-kuntratt?

ONOR. ANTON REFALO: Iva.

IĊ-CHAIRPERSON: Jiġifieri qed tbiddel l-isem tad-dipartiment.

ONOR. DARREN CARABOTT: Ippermettuli għax m'iniex qed nifhem. Dan huwa kuntratt pubbliku diġà rreġistrat?

ONOR. ANTON REFALO: Iva.

ONOR. DARREN CARABOTT: U aħna qegħdin hawnhekk biex inbiddlu l-isem fuq il-partijiet?

ONOR. ANTON REFALO: Le, mhux l-isem tal-partijiet imma tal-parti interessata, li dakinhar kienet kien jisimha Animal Welfare Promotion and Services Directorate u llum jisimha...

ONOR. DARREN CARABOTT: Imma dak mhux il-kuntratt li għandna quddiemna llum bħala Kumitat.

IĊ-CHAIRPERSON: Le. Għalhekk qed jagħmel emenda *ad hoc*, separata.

ONOR. REBEKAH BORG: Imma l-partijiet li qegħdin imsemmijjin fid-draft deed li ppreżentajtulna huma l-Awtorità tal-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta, il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, u l-APH. M'għandniex l-Animal Welfare Directorate bħala...

ONOR. ANTON REFALO: Imma fil-kuntratt hemm id-definizzjonijiet u jirriferi għal ċerti dipartimenti u direttorati

fejn hemm miktub li dakinhar l-Animal Welfare, Promotion and Services Directorate is responsible to ensure that animal rights are respected. Jiġifieri hemm id-definizzjoni ta' xi tfisser.

ONOR. REBEKAH BORG: Imma mhux il-partijiet.

IĊ-CHAIRPERSON: Ippermettuli ftit. Ministru, fir-riżoluzzjoni tiegħek tagħmel aċċenn għall-AWPSD. Dan id-direttorat m'għadux jeżisti u sar jismu mod ieħor? Forsi s-Segretarju Permanenti jista' jagħtina spjegazzjoni.

IS-SUR SHARLO CAMILLERI (Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali): It-tibdil li jixtieq jagħmel il-Ministru huwa fid-draft deed innifsu. Fil-kuntratt oriġinali l-isem huwa tad-dipartiment kif kien jismu qabel, u peress li kien hemm change fl-isem, allura issa ġie Animal Welfare Directorate minflok Animal Welfare, Promotion and Services Directorate.

ONOR. DARREN CARABOTT: Tista', jekk jogħġbok, tindikalna fejn qiegħed dan li qed issemmi fid-draft deed? Għax definizzjonijiet m'hemmx.

IĊ-CHAIRPERSON: Ħalli nagħtu ċans lis-Segretarju Permanenti jispjegalna eżattament xi jrid jagħmel ħalli naraw nistgħux nagħmluha f'dan l-istadju jew le.

IS-SUR SHARLO CAMILLERI: Hemm riferenza, fil-premessa 2(d) u (e), li AWPSD iridu jiġu AWD. Fil-kuntratt oriġinali kien riferut hekk ukoll għax fil-kuntratt l-isptar irid jagħti ċerti servizzi lid-direttorat.

ONOR. DARREN CARABOTT: Però, Sur President, jekk tippermettili, kuntratt pubbliku ma jistax jiġi emendat.

IĊ-CHAIRPERSON: Le, m'aħniex qegħdin nemendaw kuntratt pubbliku.

ONOR. DARREN CARABOTT: Aħna nistgħu nemendaw id-draft deed li tressaq illum, mhux se mmorru lura fuq il-kuntratt oriġinali għax ma nistgħux nagħmlu hekk.

IĊ-CHAIRPERSON: Le, m'aħniex se mmissu kuntratt pubbliku; dak qiegħed hemm u biex inbidluh irridu nerġgħu nagħmlu riżoluzzjoni separata. U llum m'aħniex nagħmlu hekk. Ministru, fir-riżoluzjoni tiegħek għadek qed tagħmel riferenza għall-Animal Welfare Protection and Services Directorate. Dik għadha hekk jew issa...?

ONOR. ANTON REFALO: Dik qed tinbidel u trid tiġi kif spjega s-Segretarju Permanenti.

IĊ-CHAIRPERSON: Imma inti qed tagħmel ir-riżoluzzjoni issa, jiġifieri jekk ir-riżoluzzjoni tiegħek inbidlet aħjar tagħmel riżoluzzjoni oħra għax inkella r-riżoluzzjoni tiegħek tkun qed tgħid l-istess.

ONOR. ANTON REFALO: Irrid ngħid li fir-riżoluzzjoni kull fejn hemm AWPSD trid tiġi AWD.

IĊ-CHAIRPERSON: Imma r-riżoluzzjoni se tressaqha issa, jiġifieri m'għandniex għalfejn nemendawha; aqbad u ressaqha tajba mill-ewwel Ministru.

ONOR. DARREN CARABOTT: Sur President, jekk tippermettili xtaqt nirrimarka fuq punt tekniku. L-emenda xorta mhijiex se tagħmel sens, fis-sens li fid-deed oriġinali hekk kien l-acronym għax hekk kien ismu, u jekk se jbiddel l-acronym kif kien fid-deed oriġinali, meta wieħed jaqrahom flimkien mal-kuntratt kif kien dak iż-żmien, se jsib li hemm żewġ acronyms, xi ħaġa li ma tagħmilx sens.

ONOR. ANTON REFALO: Ma jagħmilx sens għaliex? Allura mela qabel kien hemm il-PAPB u wara saret Planning Authority, ma tagħmilx sens?

ONOR. DARREN CARABOTT: Għax aħna qed invarjaw kuntratt li kien diġà qiegħed fis-seħħ.

ONOR. ANTON REFALO: Jekk l-AWD huwa s-suċċessur tal-Animal Welfare Directorate! X'inhi l-problema?

ONOR. DARREN CARABOTT: Għax fil-kuntratt oriġinali għadu bl-istess acronyms li kien hemm qabel.

ONOR. ANTON REFALO: Allura? Mhux kuntratt ġdid dan?

ONOR. DARREN CARABOTT: Le. Dan se jvarja u jimmodifika dak il-kuntratt oriġinali.

IĊ-CHAIRPERSON: Ippermettuli ftit. Li se nagħmlu huwa li se nagħtu ċans lill-Ministru Refalo u lit-team tiegħu sabiex jaraw jekk hemmx xi emendi li jixtiequ jagħmlu. Sadanitant, biex ma naħlux ħin, se nissospendu d-diskussjoni fuq it-tieni item fuq l-aġenda tal-lum, immorru għat-tielet item, imbagħad warajh immorru għar-raba' item, u wara nerġgħu mmorru lura għat-tieni item.

Nitlob lill-Ministru Clifton Grima sabiex, jekk jogħġbu, iressaq ir-riżoluzzjoni.

RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT LIL HAMRUN SPARTANS FOOTBALL CLUB TA' ART FIL-ĦAMRUN SKONT L-ABBOZZ TA' ATT PUBBLIKU U PJANTA ANNESSA, U BDIL TAT-TITOLU TAL-ISTESS ART F'ĊENS

ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni): Sur President, nipproponi illi:

> "Sabiex l-ispazji riservati għall-isport fil-komunità jkomplu jikbru u sabiex dejjem ikomplu jinħolqu spazji rikreattivi ġodda għat-tfal u ż-żgħażagħ.
>
> Jiġi mmassimizzat il-potenzjal ta' proprjetà li tinsab diġà fil-pussess ta' għaqdiet sportivi b'titolu ta' kera.
>
> Din il-Kamra tirriżolvi li permezz ta' Sport Malta, tiġi trasferita lis-segwenti għaqda sportiva – Ħamrun Spartans Football Club – art skont l-abbozz tal-att pubbliku u pjanti annessi, skont u bis-saħħa tal-Att dwar l-Isport (Kap. 455) u li se jkun qed jinbidel tali titolu għal wieħed ta' ċens.
>
> Din il-Kamra tirriżolvi l-appoġġ sħiħ tagħha għal dan l-imsemmi trasferiment.".

IĊ-CHAIRPERSON: Ministru, forsi tista' tagħmel xi kummenti inizjali dwar din ir-riżoluzzjoni?

ONOR. CLIFTON GRIMA: Sur President, kif għamilna numru ta' drabi f'dan il-Kumitat, u rrid ngħid dejjem bi qbil unanimu, għandna għaqdiet sportivi li jkunu qegħdin jokkupaw art u jkollhom tali okkupazzjoni regolata b'kuntratt ta' kera liema kera tkun ta' Sport Malta. Matul is-snin – u dan

beda lejn nofs is-snin 90 – diversi clubs ingħataw l-istess proprjetà b'titolu ta' ċens u allura b'dan il-kuntratt – u jekk wieħed iħares lejn iż-żewġ kuntratti li qed inressqu llum tista' tgħid li huma identiċi ħlief għal dak li għandu x'jaqsam ma' definizzjoni u qisien marbuta mal-proprjetà – qegħdin nagħtu l-possibilità lil dawn il-clubs li jkunu jistgħu jippjanaw f'ambitu sportiv – u rrid nagħmilha ċara li f'ambitu sportiv – dik li hija l-amministrazzjoni tal-club. Ħalli ngħid xi rrid ngħid b'dan. Pereżempju, illum il-ġurnata, jekk wieħed jara l-investiment li hemm bżonn marbut ma' nursery jew ma' faċilitajiet sportivi, meta club ikollu titolu ta' kera jagħti ċertu saħħa; titolu ta' ċens jagħti saħħa u bażi legali totalment differenti. Allura dan il-Parlament, għal darb'oħra, wara li f'Ġunju 2017 ressaqna għexieren ta' riżoluzzjonijiet simili, qiegħed 'il quddiem dan il-kuntratt ta' Ħamrun Spartans – u wara se niddiskutu dak ta' Luqa St Andrew's Football Club – liema proprjetajiet f'dawn iż-żewġ każi diġà huma okkupati. Ġieli nressqu art li ma tkunx okkupata mill-club jew assoċjazzjoni sportiva, imma f'dan il-każ l-art hija diġà okkupata mill-istess club.

IĊ-CHAIRPERSON:
Grazzi. Hawn rimarki? L-Onor. Borg.

ONOR. REBEKAH BORG:
Ħa nitkellem dwar iż-żewġ kuntratti inġenerali, u m'iniex se nagħmel distinzjoni bejniethom. Dan l-aħħar, kif taf, ħarġet il-commercialisation ta' ċerti premises ta' sports. Kumbinazzjoni dalgħodu kellna laqgħa tal-Awtorità tal-Artijiet, fejn jiena qiegħda rappreżentanta fuq il-Bord, u ġie wieħed minn dawn il-każijiet quddiemna. Jien għandi mistoqsija relatata inġenerali, imma ovvjament la ġiet quddiemna llum se nistaqsiha. Dawn il-kuntratti

ma jagħtux lok għall-commercialisation u hija ċara mill-kundizzjonijiet, imma llum għandna l-liġi tal-commercialisation. Kif jirrelataw it-tnejn ma' xulxin? Inti għedt li dawn il-kuntratti huma standard, però issa daħlet din il-liġi u għalhekk qed nistaqsi how do these contracts interplay legally ma' din il-liġi l-ġdida tal-commercialisation?

ONOR. CLIFTON GRIMA: Mistoqsija pertinenti ħafna. Kuntratt li jiġi approvat f'dan l-istadju minn dan il-Kumitat, u eventwalment mill-Kamra tad-Deputati, huwa kuntratt li ma jistax jinbidel. Hawnhekk huwa ċar – u dan huwa l-punt tekniku li qed tagħmel riferenza għalih l-Onor. Borg – li dawn iż-żewġ clubs se jingħataw il-faċilitajiet sportivi għal skopijiet purament sportivi bl-eċċezzjoni tal-bottegini li hemm riferenza għalihom.

Huwa ċar ukoll jekk il-club irid jissulluka parti, jew jittrasferixxi parti mit-titolu, jew jibdel in-natura – inti għamilt riferenza għall-kummerċjaliżżazzjoni – il-kuntratt irid jerġa' jersaq quddiem dan il-Kumitat. Din diġà saret, u għadha ssir illum il-ġurnata, sabiex nassiguraw li meta l-Gvern qed jagħti art pubblika, li allura għandha l-valur tagħha, lil għaqda sportiva biex tużaha għal skopijiet sportivi, din tintuża proprju għal skopijiet sportivi, u mhux ikollok min jikkummerċjaliżżaha u jibdel in-natura tal-ħsieb wara l-għoti ta' dan it-titolu ta' ċens. Ħalli naraw x'inhu l-proċess tal-kummerċjaliżżazzjoni tal-faċilitajiet sportivi.

Lura fis-snin dejjem inħass – u min ġej mill-qasam sportiv jaf x'jien ngħid... Illum anke nursery, li hija l-benniena tal-isport, tiġi tiswik mijiet ta' eluf ta' ewro, u m'iniex qed nesaġera. Jekk wieħed iħares lejn faċilitajiet ta' nurseries fil-futbol, fl-isport akkwatiku u anke basketball, biex insemmi tliet sports differenti,

isib li biex wieħed jimmaniġġjahom, anke fuq livell amateur, l-ispejjeż huma enormi. Allura dejjem kien hemm il-ħsieb li wieħed jara kif jagħti lok – u għalhekk il-liġi li tirregola l-aspett ta' kummerċjaliżżazzjoni ta' dawn il-faċilitajiet – sabiex wieħed ikun jista', mingħajr ma jnaqqas il-footprint sportiva, mingħajr ma jibdel in-natura tal-faċilitajiet – u għalhekk wieħed irid jassigura li jkun hemm proċess li se nkun qed nispjega – l-istess club, wara proċess ta' due diligence, wara li jerġa' jiġi quddiem dan il-Kumitat, wara li jgħaddi minn quddiem il-commission fejn isiru testijiet varji ta' vijabilità, u wara li jmur ukoll quddiem l-Awtorità tal-Artijiet, jitlob il-permess biex jikkumerċjaliżża parti. Dan mhuwiex proċess li jsir kif ġieb u laħaq. L-ewwel nett, għandek il-liġi li teskludi ċerti aspetti u għandek ukoll il-fatt li ma jfissirx li għax proġett ikun jgħaddi mir-regolamenti tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar żoni speċifiċi tal-pajjiż, fl-opinjoni ta' din il-Kamra jkunu fl-interess tal-komunità. Allura għandek proċess fejn għandek il-kummissjoni – li hija komposta minn nies tal-ogħla integrità, b'rappreżentanza ta' nies li għandhom x'jaqsmu mal-Awtorità tal-Artijiet, u l-ismijiet ta' dawn in-nies huma pubbliċi – li tibda djalogu mal-istess club – kif inhi l-liġi llum għandek il-clubs tal-football, il-clubs tal-isports akkwatiku, jew assoċjazzjonijiet nazzjonali – jaraw l-idea tagħhom u jiddiskutu dwar jekk parti mill-proprjetà li aħna llum qegħdin nagħtu għal skopijiet sportivi, jew parti mill-proprjetà li llum hija regolata b'kuntratt li ġie approvat minn din il-Kamra fis-snin li għaddew biex tintuża b'mod esklussiv għal skopijiet sportivi, għandhiex tiġi mibdula u kkummerċjaliżżata.

Aħna rridu dejjem nassiguraw li l-aspett kummerċjali jservi dak sportiv, jiġifieri għandek linja, kważi kważi sottili, li

aħna rridu nassiguraw li dejjem tibqa' hemmhekk, u ċjoè li l-aspett kummerċjali jibqa' dejjem servjenti għall-aspett sportiv, għax inkella nkunu qegħdin inkissru x-xogħol tajjeb li sar minna u minn dawk li ġew qabilna meta għaddew it-titolu ta' ċens lil dawn l-għaqdiet sportivi.

Fost in-numru ta' rekwiżiti li l-kummissjoni titlob lill-għaqdiet sportivi li jiġu biex jikkumerċjaliżżaw, hemm il-BOQs ħalli wieħd jara xi jkun qed jinvesti. Huwa rikjest ukoll mill-kummissjoni li jekk se jkun hemm partner – għax club jista' jiddeċiedi li jagħmlu waħdu imma jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn il-club jgħid li se jidħol f'partnership, jew se jiftaħ proċess pubbliku ħalli terzi jiżviluppawlu l-proġett partikolari – dan irid ikun pubbliku. Ovvjament, f'dan il-proċess kollu, jinbidlu numru ta' aspetti tal-kuntratt li jkun qed jirregola b'mod ġenerali ir-relazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet ma' Sport Malta, u Sport Malta ma' dawn l-għaqdiet sportivi. Jiġifieri li qed ngħid huwa li llum il-ġurnata l-kuntratti li għandhom l-assoċjazzjonijiet sportivi kollha ma' Sport Malta huma ntiżi għal skopijiet sportivi, u allaħares ma jkunx hekk.

Biex għaqda sportiva tapplika mal-Awtorità tal-Ippjanar biex tara li tibda proċess li permezz tiegħu jkun hemm il-possibilità li tibdel kwalunkwe virgola ta' dan il-kuntratt, trid il-permess ta' Sport Malta u tal-kummissjoni, u meta jkun hemm il-possibilità li kuntratt jinbidel, nerġgħu niġu quddiem il-Kamra tad-Deputati u hemmhekk b'mod pubbliku u b'mod apert inkunu nistgħu niddiskutu fuq dawk il-bidliet jew emendi. Huwa għalhekk li fil-kuntratt qegħdin ngħidu li l-art hija dejjem għal skopijiet sportivi. Aħna qegħdin nitkellmu fuq dawn iż-żewġ kuntratti li għandna llum, imma kif diġà

għedna hemm kuntratti oħra li saru fis-snin li għaddew.

IĊ-CHAIRPERSON:
Nirringrazzjak. L-Onor. Borg.

ONOR. REBEKAH BORG:
Grazzi Ministru tal-ispjegazzjoni, imma nixtieq niċċara fuq każ speċifiku u rrid nagħmilha ċara li aħna m'aħniex qed ngħidu li dawn il-clubs m'għandhomx jiġu kkummerċjaliżżati; hemm il-liġi kif inhi u, kif qed tgħid inti, hemm id-due diligence u hemm ħafna proċessi. Li nkwetani ftit huwa li, kif għedt inti, b'dan il-kuntratt ma jistgħux jagħmlu kummerċjaliżżazzjoni, u biex jinbidlu l-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt irid jerġa' jiġi hawnhekk, però fil-midja ħarġet li se jsir kummerċaliżżazzjoni fuq wieħed minn dawn il-clubs, meta l-kuntratti qed jgħidu bil-kontra. Kemm isserħilna moħħna li aħna, li aħna llum se nivvutaw fuq dawn il-kuntratti kif inhuma, u jekk ikun hemm tibdil fil-kundizzjonijiet se jerġgħu jiġu quddiemna.

IĊ-CHAIRPERSON:
Ministru.

ONOR. CLIFTON GRIMA:
Ħa nagħmilha ċara daqs il-kristall, jgħid x'jgħid kulħadd, il-kuntratti li qed inressaq hawnhekk qed inressaqhom wara li għamilt proċess li beda billi saret talba mill-club u allura hemm dokumentazzjoni ċara daqs il-kristall ta' x'qed jitlob il-club u għaliex qed jitlob, Sport Malta tagħmel talba lill-Awtorità tal-Artijiet biex tieħu t-titolu, imbagħad jien immur quddiem il-Kabinett, inġib l-approvazzjoni tal-Kabinett, imbagħad niġi hawnhekk quddiem il-Parlament sabiex nersqu għal dan il-kuntratt pubbliku li jrid jiġi approvat mill-Kamra tar-Rappreżentanti.

L-Onor. Borg għamlet riferenza għar-rapport fil-midja. Jista' jkollok clubs li

jgħidu li biħsiebhom jikkummerċjaliżżaw, imma mhux se jikkummerċjaliżżaw qabel jgħaddu minn dak il-proċess, u dik hija s-saħħa ta' dan il-proċess. Jekk wieħed iħares lejn il-leġiżlazzjoni li tirregola l-kummerċjaliżżazzjoni jara li din ma bdietx ilbieraħ, imma bdiet numru ta' snin ilu u l-ewwel clubs li waslu viċin li jaslu għal dan il-perkors li qegħdin insemmu, li spjegajt b'mod ċar ftit tal-minuti ilu, waslu issa lejn l-aħħar tal-proċess. Fadal ħafna aspetti oħra però l-proċess ma jsirx mil-lum għal għada u hemm perjodu u hemm numru ta' different steps li jiġu qabel kwalunkwe bidla fil-kuntratt. Imbagħad, jekk wieħed se jikkummerċjaliżża, irridu nerġgħu niġu hawnhekk, nitkellmu, niddiskutu u nivvutaw fuq dak il-kuntratt. Irrid nagħmilha ċara wkoll li l-leġiżlazzjoni li tirregola l-kummeċjaliżżazzjoni tal-faċilitajiet sportivi hija waħda li tobbliga lill-Awtorità tal-Artijiet li, filwaqt li llum jekk wieħed jara l-kuntratti għandek evalwazzjoni li tħares lejn dak li huwa l-aspett sportiv tal-faċilitajiet sportivi, allura hemm sussidju b'saħħtu ħafna... Aħna qegħdin ngħidu li jekk il-prezz kummerċjali huwa €100, 95% huwa ssussidjat permezz ta' Sport Malta, bil-club li se juża l-art għal skop sportiv iħallas biss 5%. U allaħares ma jkunx hekk. Però, jekk se jkollok aspett ta' kummerċjaliżżazzjoni, is-sussidju jitneħħa u tkun l-Awtorità tal-Artijiet li tagħmel l-istima tagħha u wieħed ikun jista' jara l-valur kummerċjali skont il-liġi, imbagħad hemm proċess ieħor li Sport Malta tkun tista' tibbenefika minn dħul addizzjonali li jmur f'fond partikolari li jiġi rinvestit fil-qasam sportiv.

IĊ-CHAIRPERSON:
Grazzi. Hawn aktar rimarki? L-Onor. Darren Carabott.

ONOR. DARREN CARABOTT: Sur President,

bħala proċedura tal-Kumitat, anke l-emendi nistgħu nissuġġerixxu issa, jew għalissa qed nagħmlu biss kummenti inġenerali?

IĊ-CHAIRPERSON: Jekk għandek xi emenda għal din ir-riżoluzzjoni tista' tagħmilha issa.

ONOR. DARREN CARABOTT: Fil-fatt il-punt li se nagħmel huwa ta' natura legali u japplika kemm għar-riżoluzzjoni dwar il-Ħamrun Spartans kif ukoll għal dik dwar Luqa St Andrew's peress li ż-żewġ kuntratti tista' tgħid li huma kważi identiċi.

IĊ-CHAIRPERSON: Però, għalissa agħmilha għall-Ħamrun Spartans, imbagħad meta niġu għal ta' Luqa erġa' għamilha.

ONOR. DARREN CARABOTT: Se nirriferi għall-punt 13 u se nagħmel riferenza għal dak li rrimarka dwaru l-Ministru fir-rigward tas-sullokazzjoni. Jekk nista' nissuġġerixxi, anke forsi biex insaħħu l-istess artiklu, wara l-kliem "jittrasferixxi l-proprjetà inkwestjoni lil terzi persuni," jiżdiedu l-kliem "in parte jew in toto". Ovvjament hija xi ħaġa legali imma tagħmel sens fl-ambitu li qiegħed fih dak l-artiklu.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-Ministru.

ONOR. CLIFTON GRIMA: Fil-verità, jekk wieħed iħares lejn artiklu 13 jara li l-unika eċċezzjoni għal dan kollu hija limitata għal xi faċilitajiet tal-bottegin, u dan dejjem bl-approvazzjoni ta' Sport Malta. Jiġifieri illum qegħdin ngħidu li ma tista' tagħmel l-ebda trasferiment ta' proprjetà li hija governattiva, ħlief bl-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati. Dik toħroġ minn proċedura parlamentari.

ONOR. DARREN CARABOTT: Li qed ngħid hija kwestjoni ta' legalità. Din li qed nirriferi għaliha jien hija

xi ħaġa standard li tinsab f'numru ta' kuntratti.

IĊ-CHAIRPERSON: Jien m'iniex avukat, imma l-artiklu stess jgħid li hemm limitazzjoni tagħha, jiġifieri jekk se tgħid li...

ONOR. DARREN CARABOTT: Ippermettili nispjega, Mr Chairman. Meta qed ngħid għal "in parte jew in toto" m'iniex qed nirriferi fis-sens għal-limitazzjoni fl-eċċezzjonijiet, jiġfieri fil-bottegin imma għall-parti kollha li qed tingħata b'ċens. Il-kwestjoni hija li qed insaħħu l-argument li ma tistax tingħata b'sullokazzjoni jew isir trasferiment tat-titolu, kemm għal part thereof, kif ukoll għal kollha kif inhi, jiġifieri hija kwestjoni ta' emenda żgħira.

IĊ-CHAIRPERSON: Jien qed nifhem x'qed tgħid, Onor. Carabott, però ċertament ma rridux noħolqu xi kontroversja legali li tiġi tinftiehem li lanqas il-bottegin ma jista' jiġi... Ministru, inti għandek l-avukati tiegħek li jistgħu jagħtuna parir?

ONOR. CLIFTON GRIMA: Biex inkunu ċari, fl-istess artiklu hemm li jekk il-bottegin – għax għandek faċilitajiet li huma iżgħar – jibdel in-natura... Pereżempju, jekk nieħdu l-isport akkwatiku fejn ikun hemm pixxina, wieħed ma jistax iġibha lido. Jien qed naraha ċara biżżejjed, dejjem ħdimna hekk ma' kwalunkwe club u s'issa qatt ma kellna problemi u diffikultajiet.

ONOR. DARREN CARABOTT: Ministru, jien nista' ngħaddi mingħajrha, imma qed nagħmel din ir-riferenza sempliċement biex niċċara d-diskors tiegħek. Jekk aħna, bħala Kumitat, qed naqblu li s-sens huwa kif iddikjarajtu inti, allura m'għandna l-ebda problema. Qed nirriferi biss għal kwestjoni legali li fiha jidħlu dawn iż-żewġ kelmiet li s-soltu jintużaw, però jekk qed

tgħidli li m'għandekx għad-dispożizzjoni tiegħek...

ONOR. CLIFTON GRIMA: Jien naħseb li hija ċara biżżejjed, għax meta hemm in-nuqqas ta' dak il-legal jargon...

ONOR. DARREN CARABOTT: Ministru, is-suġġeriment tiegħi kien biss sabiex isaħħaħ dak li inti spjegajt.

IĊ-CHAIRPERSON: Naħseb li s-sentiment ta' dan il-Kumitat qed jinftiehem x'inhu, u jekk at some point ikun hemm bżonn ta' xi kjarifika dwar x'hemm bżonn isir, wieħed jista' jagħmel riferenza għal dak li qed jingħad hawnhekk. Hawn aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija r-riżoluzzjoni dwar it-trasferiment ta' art lil Ħamrun Spartans Football Club, kif imressqa u moqrija mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

Ir-riżoluzzjoni għaddiet nem. con.

IĊ-CHAIRPERSON: Ladarba r-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu m'hemmx għalfejn titla' għad-diskussjoni fil-Plenarja.

Nistieden issa lill-Ministru Clifton Grima sabiex iressaq ir-riżoluzzjoni li jmiss.

RIŻOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT LIL LUQA ST ANDREWS FOOTBALL CLUB TA' ART FIL-LIMITI TA' ĦAL LUQA SKONT L-ABBOZZ TA' ATT PUBBLIKU U PJANTA ANNESSA, U BDIL TAT-TITOLU TAL-ISTESS ART F'ĊENS

ONOR. CLIFTON GRIMA: Sur President, nipproponi din ir-riżoluzzjoni:

> "Sabiex l-ispazji riservati għall-isport fil-komunità jkomplu jikbru u sabiex dejjem ikomplu jinħolqu spazji rikreattivi ġodda għat-tfal u ż-żgħażagħ.
>
> Jiġi mmassimizzat il-potenzjal ta' proprjetà li tinsab diġà fil-pussess ta' għaqdiet sportivi b'titolu ta' kera.
>
> Din il-Kamra tirriżolvi li permezz ta' SportMalta, tiġi trasferita lis-segwenti għaqda sportiva – Luqa St Andrew's Football Club - art skont l-abbozz tal-att pubbliku u pjanti annessi, skont u bis-saħħa tal-Att dwar l-Isport (Kap. 455) u li se jkun qed jinbidel tali titolu għal wieħed ta' ċens.
>
> Din il-Kamra tirriżolvi l-appoġġ sħiħ tagħha għal dan l-imsemmi trasferiment.".

Sur President, dan huwa każ ieħor pjuttost identiku għal ta' qablu fejn il-club diġà qed jokkupa dan l-ispazju, jieħu ħsiebu u jopera minnu.

IĊ-CHAIRPERSON: Hawn aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqisja hija r-riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' art lil Luqa St. Andrew's Football Club, kif imressqa u moqrija mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

Ir-Riżoluzzjoni għaddiet nem. con.

IĊ-CHAIRPERSON:
Ladarba r-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu m'hemmx għalfejn titla' għad-diskussjoni fil-Plenarja.

Issa se nissospendu l-laqgħa għal ftit minuti sakemm inkunu nistgħu nkomplu bid-diskussjoni dwar it-tieni item tal-aġenda.

Fil-5.26 p.m. il-Kumitat ġie sospiż u rriżuma fis-6.18 p.m.

IĊ-CHAIRPERSON:
Inkomplu issa bid-diskussjoni dwar it-tieni item tal-aġenda li kienet posposta aktar kmieni fil-Kumitat.

Ministru Refalo, jekk jogħġbok, ressaq ir-riżoluzzjoni.

RIŻOLUZZJONI DWAR MODIFIKA TAL-KUNTRATT ENFITEWTIKU TEMPORANJU DATAT 12 TA' FRAR 2016 DWAR TRASFERIMENT TA' ART F'TA' QALI GĦAL SPTAR TAL-ANNIMALI

ONOR. ANTON REFALO:
Sur President, nipproponi:

"Billi hija l-politika tal-Gvern illi l-annimali domestiċi jingħataw kura tal-aqwa kwalità f'każ ta' mard jew aċċidenti mhux mistennija.

Illi l-isptar veterenarju li jinsab f'Ta' Qali limiti ta' Ħ'Attard hu l-uniku sptar għall-annimali f'Malta.

Dan l-isptar oriġinarjament inbena mill-Gvern b'fondi pubbliċi bejn is-snin 2008 u 2010 bħala animal after care centre u

ġie msejjaħ Klinika San Franġisk.

F'Settembru tal-2010, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru, li dak iz-zmien kien magħruf bħala l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (MRRA), daħal fi ftehim għat-tmexxija tal-kumpless bħala klinika għall-annimali għal terminu ta' ħames snin ma Veterenarju privat Malti (Dr Trevor Zammit).

Illi f'għeluq it-terminu tal-imsemmija ħames snin fl-2015, il-Veterenarju Zammit informa lill-Gvern illi ma kienx interessat li jestendi l-ftehim għall-ebda terminu ieħor.

Sussegwentament, f'Awwissu tal-2015, it-Taqsima Proprjetà tal-Gvern ħarġet sejħa għall-offerti għal għotja b'ċens temporanju ta' 25 sena b'kundizzjonijiet *inter alia* simili għall-dawk inklużi fil-ftehim tal-2010 u illi ġew imposti xi kundizzjonijiet addizzjonali mid-Direttorat tal-Artijiet b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali, inkluż bħala kundizzjoni illi l-kumpless imsemmi jiġi kompletament ikkonvertit fi sptar tal-annimali li jikkonforma mal-provvedimenti tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 242 ta' l-2013.
Illi s-sejħa ġiet aġġudikata favur l-uniku offerent, Animal Pro Health (A.P.H.) Ltd illum A.P.H LIMITED

Eventwalment ġie ppubblikat l-att enfitewtiku fit-12 ta' Frar 2016 fl-atti tan-Nutar Diana Galea (neè Charles), DOK X.

Illi flimkien maċ-ċens annwu u rivedibbli ta'

€19,450, Animal Pro Health (A.P.H.) Ltd illum A.P.H LIMITED ġiet marbuta tipprovdi 2000 servizz annwali fuq bażi 24/7 lill-annimali referuti mill-Animal Welfare Protection and Services Directorate (AWPSD) illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD), inkluż mediċini u prodotti konsumabbli relatati at cost price. Flimkien ma' dawn ġiet ukoll imposta kundizzjoni li jingħata skont ta' 25% fil-prezz għas-servizzi offruti lill-pazjenti ta' organiżżazzjonijiet mhux Governattivi.

F'Settembru 2016, Animal Pro Health (A.P.H.) Ltd illum A.P.H LIMITED kisbu permess għall-żvilupp mill-Awtoritajiet kompitenti (PA/4783/15) biex il-klinika San Frangisk tkun tista' tiġi kkonvertita fi sptar tal-annimali konformi mal-liġi.

Illi l-bidla minn klinika għal sptar sar miċ-ċenswalist fi żmien pjuttost qasir b'investiment fl-istruttura u apparat b'valur ta' mijiet ta' eluf ta' ewro, biex b'hekk is-servizzi offruti lil AWPSD illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD), u oħrajn saru uniċi, u li jingħataw minn tobba, veterinarji u impjegati oħra speċjalizzati fil-qasam mediku ta' l-annimali, ġo sptar tal-aqwa standards Ewropej.

Iċ-ċenswalist ta' spiss ġibed l-attenzjoni li l-operat tal-isptar mhux sostenibbli, prinċiparjament dovut għal xi kundizzjonijiet imposti fil-kuntratt enfitewtiku tal-2016.

Intant, fl-2019, ġie kkummissjonat studju mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali biex tiġi evalwata l-vijabilità u l-prezz tas-servizzi diversi li jingħataw mill-isptar, speċjalment lil dawk il-pazjenti riferuti mill-AWPSD illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD). L-evalwazzjoni inkludiet ukoll iż-żmien tal-akkomodazzjoni waqt li l-imsemmija pazjenti jkunu qed jiġu rikoverati.

Illi f'dan l-istudju ġie determinat li s-servizzi mogħtija jiswew €0.71 kull minuta ta' attenzjoni u €60.00 ta' kull lejl waqt li l-annimal qed jiġi rikoverat.

Illi minn dan l-istudju ġie kkonfermat li biex jitmexxa l-isptar b'mod ekonomikament vijabbli hemm sfidi kbar u dan minħabba ċirkustanzi li tfaċċaw jew ġew rejalizzati preċiżament wara li beda jopera l-isptar u partikolarment minħabba l-kundizzjonijiet imposti bil-kuntratt enfitewtiku attwali tal-2016.

Illi bħala spejjeż rikorrenti fost oħrajn hemm l-ispiża kapitali li tiġi investita regolarment minħabba n-natura tas-servizzi offruti, il-manutenzjoni li dejjem tiżdied u obbligi veterinarji Ewropej li jiġu imposti minn żmien għal żmien. Flimkien ma' dawn hemm l-ispejjeż diversi ta' infermiera u speċjalisti veterinarji sew Maltin u barranin, inkluż l-alloġġjar, trasport u diversi perkaċċi tagħhom. Iżda, l-aktar piż hu s-servizzi li jingħataw (kważi b'xejn) lil AWPSD illum magħruf bħala Animal

Welfare Directorate (AWD).

Illi wieħed irid jifhem li l-pazjenti li jittieħdu mill-AWPSD illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD), ikunu jenħtieġu ħafna aktar attenzjoni u ħin biex jirkupraw minn pazjenti li jkunu ġejjin minn djar privati meta wieħed iqis l-ambjent li jkunu ġejjin minnu inkluż il-fatt li sidien privati jieħdu l-annimali tagħhom id-dar malajr kemm jista' jkun biex jevitaw aktar spejjeż u inkonvenjent.

Għal dawn ir-raġunijiet, kif ukoll l-obbligu li pazjenti tal-AWPSD illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD), jinżammu ġranet sħaħ u t-tip ta' trattament illi jingħataw, qed jaffettwa negattivament l-operat tal-isptar.

Illi fiċ-ċirkustanzi sabiex l-uniku sptar tal-annimali f'Malta jibqa' jopera b'sostenn u ma jkollux jagħlaq il-bibien huwa propost illi ssir modifika tal-kuntratt enfitewtiku attwali skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet oriġinali ħlief għal dawk kif modifikati jew miżjuda fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness u dan sabiex il-kwalità tas-servizzi mogħtija jibqgħu sostenibbli fuq kollox skond regoli u standards Ewropej.

Billi d-definizzjoni ta' trasferiment fl-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tinkludi wkoll kull tibdil ta' xi kundizzjoni.

U billi fl-artiklu 31, sub-artiklu (ċ) ta' Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), huwa maħsub li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu

tista' tiġi trasferita (jew jista jsir tibdil ta' xi kundizzjoni) skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment. (Kliem fil-parentesi miżjud).

Billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-kuntratt enfitewtiku temporanju datat 12 ta' Frar 2016 fl-Atti tan-Nutar Diana Galea jiġi parzjalment modifikat skond il-modifiki fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness.".

IĊ-CHAIRPERSON: Nirringrazzjak. Tista' forsi tagħtina ftit spjegazzjoni tal-kuntratt anness u tgħidilna x'qed jinbidel fil-kuntratt oriġinali?

ONOR. ANTON REFALO: Sur President, dak li qegħdin nipproponu huma dawn l-emendi. Artiklu 6 ta' Dokument X, li huwa l-kuntratt oriġinali, jgħid hekk:

> "The Emphyteutical Site shall be used exclusively as a fully operational Veterinary Hospital".

Dawk li joperaw l-isptar ippruvaw japplikaw għal training school għall-istudenti u l-Awtorità tal-Artijiet irrifjutat abbażi tal-kuntratt, fis-sens li hemm miktub il-kelma "esklussivament" u allura aħna qegħdin nipproponu li din l-kelma "exclusively" titneħħa mill-kuntratt biex l-operaturi jkunu jistgħu jużawh għat-training tal-istudenti u ta' persuni oħra. Dik hija l-ewwel emenda li qegħdin nipproponu.

Emenda oħra li qegħdin nipproponu hija għal artiklu 10 fejn f'dan l-artiklu hemm imniżżel hekk:

"The Emphyteuta shall ensure that the Veterinary Hospital is equipped with all the necessary equipment of the latest technology and employ all necessary specialists...".

F'dan il-qasam ma jeżistux speċjalisti u allura dan ma jistax jimpjega speċjalisti f'dan l-qasam.

ONOR. REBEKAH BORG: Ministru, liema artiklu qed taqra, jekk jogħġbok?

ONOR. ANTON REFALO: Artiklu 10.

ONOR. REBEKAH BORG: Artiklu 10 tad-draft deed huwa differenti. Fil-fatt qiegħed jirriferi għall-equipment.

ONOR. ANTON REFALO: Jien qed nirriferi għall-original deed mhux għad-draft deed. Kif kont qed ngħid, illum f'Malta m'hawn ħadd li huwa speċjalist taħt il-Veterinary Surgeons Council u allura qegħdin nippproponu li l-kelma "specialist" titneħħa. Jien infurmat li jeżistu biss veterinary nurses and technicians – mhumiex warranted imma jeżistu – u allura aħna qegħdin nippproponu li f'artiklu 10 titneħħa l-kelma "specialist", imbagħad f'artiklu 11 jiddaħħlu l-kliem "veterinary nurses and technicians" biex hekk inkopru lil dawn in-nies li, għalkemm mhumiex warranted, jeżistu u jaħdmu f'Malta.

Emenda oħra li qegħidn nippproponu hija għal subartiklu 12 (b).

ONOR. REBEKAH BORG: Ippermettili, Ministru, għax forsi qed nitfixkel jien. Artiklu 10, apparti l-ispecialisation, titkellem ukoll dwar it-teknoloġija...

ONOR. ANTON REFALO: Imma l-unika emenda li qegħdin nippproponu hija biex ttitneħħa...

ONOR. REBEKAH BORG: Imma fid-draft deed, li qed tgħid li qed temenda, il-Condition Ten se tinbidel kompletament.

ONOR. DARREN CARABOTT: Ministru, il-kliem "latest technology" qed jitneħħa.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Sur President, nistgħu nitkellmu fuq l-emendi waħda waħda ħalli ma nitfixklux?

IĊ-CHAIRPERSON: Hekk se nagħmlu. Agħtuh ċans ħalli jispjega l-ewwel.

ONOR. ANTON REFALO: Artiklu 10 kif inhi proposta tgħid hekk:

> "The Emphyteutical Site shall be used exclusively as a fully operational Veterinary Hospital licensed to operate as per Legal Notice two hundred and forty-two of the year two thouasnd and thirteen (L.N. 242 of 2013) and to provide...".

(Interruzzjonijiet)

IĊ-CHAIRPERSON: Tridu taraw id-draft deed.

ONOR. DARREN CARABOTT: Reġa' mar lura.

ONOR. ANTON REFALO: Le, ma mortx lura. Qed naqra artiklu 10 kif qegħdin nipproponu li jkun.

ONOR. REBEKAH BORG: Fuq id-draft deed dak li qed taqra qiegħed f'Condition Six.

ONOR. ANTON REFALO: Iva, Condition Six.

ONOR. REBEKAH BORG: Imma inti għedt li huwa artiklu10.

IĊ-CHAIRPERSON: Ħudu paċenzja, jien iċ-Chairman u allura jien se ngħid kif se nimxu: Jekk jogħġobkom

toqogħdux tinterrompu. Il-Ministru se jagħmel l-ispjega tiegħu, meta jlesti, kulħadd ikun jista' jitkellem fuq liema artiklu, sentenza u virgola jrid, imma rridu nimxu bl-ordni. Il-Ministru.

ONOR. ANTON REFALO: Artiklu 10 fil-kuntratt oriġinali tat-12 ta' Frar 2016 se jinbidel bil-mod li jiġi jgħid hekk:

> "The Emphyteutical Site shall be used exclusively as a fully operational Veterinary Hospital licensed to operate as per Legal Notice two hundred and forty-two of the year two thouasnd and thirteen (L.N. 242 of 2013) and to provide other auxillary services such as a Veterinary Pharmacy and other animal welfare services.".

Jiġifieri qegħdin nipproponu li titneħħa l-kelma "exclusively".

ONOR. REBEKAH BORG: Ministru, għandek żball għax artiklu 10 qed jitkellem fuq teknoloġija u speċjaliżżazzjoni.

IĊ-CHAIRPERSON: Fuq artiklu 6 qed jitkellem.

ONOR. REBEKAH BORG: Imma l-Ministru qed jgħid li artiklu 10.

IĊ-CHAIRPERSON: Araw id-draft deed. Qed jitkellem fuq artiklu 6.

ONOR. ANTON REFALO: Fil-kuntratt oriġinali qiegħed artiklu 10.

ONOR. REBEKAH BORG: Imma artiklu 10 jitkellem fuq specialisations u teknoloġija, mhux fuq l-operat tal-isptar. Naħseb li x'imkien hemm xi żball.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Fl-oriġinal qiegħed f'artiklu 10 u fid-draft

qiegħed fis-6. Għalhekk mela m'aħniex qed nifhmu.

IĊ-CHAIRPERSON: Ħudu paċenzja, ma nistgħux nimxu b'dan il-mod. Ħa jagħmel l-ispjega l-Ministru u jimxi pass pass. (Interruzzjonijiet) Jiddeċiedi l-Ministru; jaf x'inhu jagħmel. Jekk ma jafx x'inhu jagħmel tkellmu wara.

ONOR. DARREN CARABOTT: Jiddeċiedi hu jekk qed jagħmel riferenza għal numru ħażin!? Struttura qegħdin nitolbu biss, Sur President.

IĊ-CHAIRPERSON: Kompli Ministru.

ONOR. ANTON REFALO: F'artiklu 11 qegħdin nippproponu li jiġi jgħid hekk:

> "The Emphyteuta shall ensure that The Veterinary Hospital is staffed at all times by qualified and warranted veterinary surgeons and veterinary specialists, veterinary nursing specialists,".

Jiġifieri niżżilna l-veterinary nurses li, għalkemm mhumiex warranted, jeżistu. (Interruzzjonijiet)

IĊ-CHAIRPERSON: Ministru, agħmel il-preżentazzjoni mbagħad nieħdu l-kummenti tal-Membri tal-Kumitat.

ONOR. ANTON REFALO: Mela ħa nibda minn Condition 6 tad-draft deed li tgħid:

> "The Emphyteutical Site shall be used as a fully operational Veterinary Hospital licensed to operate as per Legal Notice two hundred and forty-two of the year two thouasnd and thirteen (L.N. 242 of 2013) and to provide other auxillary services such as a Veterinary Pharmacy and other animal welfare services.".

Jiġifieri neħħejna l-kelma "exclusively".

Imbagħad Condition Ten tgħid hekk:

> "The Emphyteuta shall ensure that the Veterinary Hospital meets the standards and requirements as designated under Chapter four hundred thirty-seven (CAP 437), Veterinary Services Act, and named under Subsidiary Legislation one hundred and six of Chapter four hundred thirty-seven (S.L. 437.106), Private Veterinary Establishments [Licensing] Regulations. ".

ONOR. REBEKAH BORG: Sur President, aħna suppost qegħdin nimxu mad-draft deed, però Condition Ten fid-draft deed hija miktuba differenti milli kif inhi fil-kuntratt tal-2016, meta dawn suppost huma l-istess.

IĊ-CHAIRPERSON: Ħalli jispiċċa l-Ministru mbagħad naqbdu l-kummenti.

ONOR. ANTON REFALO: Condition Eleven qabel kienet tgħid hekk:

> "The Emphyteuta shall ensure that The Veterinary Hospital is staffed at all times by qualified and warranted veterinary surgeons and veterinary nurses and technicians;
> supplemented by other on-call specialists: a minimum of two (2) veterinarians, two (2) vet nurses and one (1) receptionist must be on duty from nine hundred hours (9:00am) to twenty-one hundred hours (9:00pm) and one (1) veterinarian and one (1) veterinarian nurse during the remaining hours on a seven (7) day week basis.".

IĊ-CHAIRPERSON:
Jiġifieri neħħejtu l-kelma "specialists".

ONOR. ANTON REFALO:
Condition Twelve, kif inhi llum, tgħid hekk:

> "The emphyteuta must provide free veterinary services including but not limited to consultations, surgical operations and treatment, for the first two thousand (2,000) animals admitted to the AWPSD on an annual basis. The emphyteuta must provide at least one free after care visit for each and every first 2,000 animal that is treated at the Emphyteutical Site".

U issa se tiġi taqra hekk:

> "The Emphyteuta must provide Veterinary Services including but not limited to consultations, surgical operations and treatment, for animals admitted by the AWD; The Emphyteuta must provide free first consultation (to a maximum of one half (1/2) hour, excepting the cost of administration of medicine/triage/consumables) and one free after care visit for each and every animal that is treated at the Emphyteutical Site.".

Imbagħad Condition Twelve (c) kienet tgħid:

> "The free services rendered to AWPSD, however, shall not include medicines, consumables, micro-chipping and neutering. Where medicines and consumables (including micro-chipping) are required to treat the AWPSD's animal patients, the Emphyteuta shall charge at cost price, and for this purpose is to provide the AWPSD the

documentary evidence of the said cost price.".

U issa se tinbidel u se tiġi taqra hekk:

"Where medicines and consumables (including micro-chipping) are required to treat the AWD's animal patients, the Emphyteuta shall charge at current market price, and for this purpose is to provide the AWD with documentary evidence of the said market price.".

Condition 12(d) kienet tgħid hekk:

"The emphyteuta must microchip and register all AWPSD animal patients in accordance with current legislation.".

U issa se tiġi taqra hekk:

"The Emphyteuta must microchip and register all AWD animal patients".

Din għamilniha hekk peress li skont il-current legislation, l-uniċi annimali li jistgħu jiġu microchipped huma l-klieb, u issa se tiġi li l-annimali kollha jridu jiġu microchipped.

Imbagħad għandna Condition Twelve (h) li qabel kienet tgħid:

"The Emphyteuta must provide a minimum of twenty-five percent (25%) discount on the commercial price of veterinary services such as, consultations, neutering, surgical operations and treatment rendered to registered voluntary organisations and/or non-governmental organisations working with stray animals. Such discount has to be clearly shown on every invoice issued to such organisations".

U issa se tiġi taqra hekk:

"The Emphyteuta must provide a minimum of twenty-five percent (25%) discount on the commercial price for veterinary services such as consultations, surgical operations and treatment rendered to AWD and to registered voluntary organisations and/or non-governmental organisations working with stray animals. Such discount has to be clearly shown on every invoice issued to AWD and such organisations.".

Jiġifieri fejn qabel il-25% discount kienu jeħduhom biss l-NGOs, issa se jibdew jeħduhom ukoll l-AWD.

ONOR. GRAHAM BENCINI: U qed tneħħu n-neutering.

IĊ-CHAIRPERSON: Hawn kummenti? L-Onor. Borg.

ONOR. REBEKAH BORG: Mr Chairman, artiklu 10 fil-kuntratt oriġinali jgħid hekk:

"The emphyteuta shall ensure that the veterinary hospital is equipped with all the necessary equipment of the latest technology and employ all necessary specialists in order to cater for all the veterinary medical specialisations. The veterinary services offered must adhere to all local, European and international regulatory standards and operating procedures.".

Kif inhu ġej issa artiklu 10 m'għadx hemm imsemmija t-teknoloġija inġenerali, kulma jgħid hu li the hospital has to meet standards, u l-istandards li jissemmew huma local standards biss. Ministru, spjegajtilna għalfejn tneħħiet il-kelma "specialisations" imma ma spjegajtilniex għalfejn tneħħiet l-adherence to European and international

standards u għalfejn tneħħiet ir-riferenza għat-teknoloġija. Tista' forsi tispjegalna dan?

ONOR. ANTON REFALO: Bil-permess tal-Kumitat nitlob li tkun tista' tispjega Dr Marika Gatt.

IĊ-CHAIRPERSON: Nitlob lil Dr Marika Gatt tiġi fuq il-mejda u tispjega.

DR MARIKA GATT (Direttur Ġenerali, Animal Health and Welfare): Kull clinic u kull establishment li għandu x'jaqsam mas-servizz veterinarju huwa rregolat minn din il-liġi, liema liġi hija in line ma' standards internazzjonali u liġijiet Ewropej. Allura, biex inkunu ċerti li l-isptar ikun in line mal-liġi lokali u anke jekk tinbidel il-liġi, jekk ikun hemm emendi biex nirriflettu, jew nimplimentaw, jew ninfurzaw xi liġijiet tal-Unjoni Ewropea, meta konna qed nitkellmu mal-avukati rajna li jkun aħjar jekk ikun hemm riferenza diretta għar-regolamenti li jirreoglaw l-isptar tal-annimali f'Malta jew tal-clinics inġenerali.

ONOR. REBEKAH BORG: Naqbel miegħek li liġi speċifikata hija titjib, imma għalfejn ma ħallejniex European and international standards, u għalfejn tneħħiet ir-riferenza għat-teknoloġija?

DR MARIKA GATT: Biex ikollok sptar hemm bżonn ta' ċerti kundizzjonijiet. Jekk wieħed iħares lejn il-liġi jara li din titkellem fid-dettall ħafna dwar xi jrid ikollu sptar. Hemm numru ta' standards li sptar irid jilħaq. Ovvjament, il-liġi Maltija hija in line ma' standards internazzjonali.

ONOR. REBEKAH BORG: Iva, s'hemmhekk fhimt, imma r-riferenza għat-teknoloġija tneħħiet. Jiġifieri t-teknoloġija ma tridx tkun in line?

DR MARIKA GATT: Kollox irid ikun in line ma'

kollox li qiegħed imniżżel fil-liġi.

ONOR. REBEKAH BORG: M'hemmx requirement għal-latest technology in line with local, European and international standards. U jien qed nistaqsi għalfejn se jitneħħa r-requirement li l-latest technology trid ikun in line, kemm mal-liġi lokali kif ukoll mal-liġi Ewropea u internazzjonali.

DR MARIKA GATT: Biex ikollok sptar irid ikollok equipment li jkun in line mal-liġi tal-isptar. Issa jekk aħna nagħmlu update tal-liġi tal-isptar ovvjament dan irid ikun in line mal-liġi tal-isptar, li ovvjament dejjem se tkun the latest technology, għax inti ma tistax tmexxi sptar li jkun kontra l-liġi.

ONOR. REBEKAH BORG: Allura jekk dak huwa l-każ, għalfejn tneħħiet?

DR MARIKA GATT: Għax għamilniha as a whole bħala liġi, jiġifieri għamilna riferenza għal-legal notice lokali.

IĊ-CHAIRPERSON: Jiġifieri inti qed tgħid li bl-emenda li qegħdin tagħmlu qegħdin issaħħu l-oneru fuq l-isptar, mhux tnaqqsuh.

DR MARIKA GATT: Eżatt. Qed ngħidu li dan, mhux sempliċement ikollu l-equipment biss, imma jrid ikollu l-kriterji kollha li hemm bżonn biex jiġi rreġistrat sptar.

ONOR. DARREN CARABOTT: Sur President, bħalissa l-obbligu fuq il-kuntrattur huwa li l-isptar ikun mgħammar bl-aħħar teknoloġija. Naqblu?

DR MARIKA GATT: Eżatt.

ONOR. DARREN CARABOTT: Kif inhu bħalissa l-artiklu fil-kuntratt qiegħed hekk. Issa – insa l-leġiżlazzjoni Ewropea u dik internazzjonali u l-istandards Ewropej u internazzjonali –

parti minn din l-emenda li qed iressaq il-Ministru hija li jitneħħa l-oneru li l-isptar ikollu the latest technology. X'qiegħed ifixkel li fil-kuntratt hemm the latest technology u issa irid ineħħiha l-Ministru? Dik hi l-mistoqsija. Jekk qegħdin in line u għandha tibqa' hemm, ħalliha hemm. Għalfejn tneħħiha jekk nafu li se jkollna the latest technology?

DR MARIKA GATT: Meta kienu qed isiru d-diskussjonijiet, l-għan kien li bil-latest technology biss l-establishment mhux bilfors ikun qed jiffunzjona bħala sptar għax hemm obbligi oħra. Billi jkollok the latest technology biss u ma jkollokx...

ONOR. REBEKAH BORG: Agreed, imma...

ONOR. DARREN CARABOTT: Jiġifieri tista' tibqa' hemm.

DR MARIKA GATT: Aħna qed ngħidu li jkollok kollox in line mal-liġi biex tista' tkun irreġistrat bħala sptar.

ONOR. REBEKAH BORG: Il-liġi tobbliga li jkun hemm the latest technology? Hemm il-kelma "latest" fil-legal notice?

DR MARIKA GATT: Ma nafx jekk hemmx il-kelma "latest".

ONOR. REBEKAH BORG: Imma dik hija importanti għax inti għandek obbligu ta' the latest technology f'dan il-kuntratt, u issa rridu nagħmlu ċert li fil-legal notice hemm il-kelma "latest".

DR MARIKA GATT: Ma naħsibx li hemm il-kelma latest għax mhijiex kelma li soltu tissemma fil-liġi.

ONOR. REBEKAH BORG: Għalhekk jien għamilt il-mistoqsija ta' għalfejn tneħħiet il-kelma "latest

technology" jekk mhijiex qiegħda fil-liġi.

IĊ-CHAIRPERSON: Dr Gatt, jekk ma tistax twieġeb inti forsi jkun jista' jwieġeb il-Ministru.

ONOR. ANTON REFALO: M'iniex ċert imma naħseb li tneħħiet minħabba l-fatt li dan l-isptar għandu spejjeż għoljin ferm u naħseb li għalkemm irid ikun konformi mal-liġijiet preżenti... Naħseb li tneħħiet f'dan is-sens, però m'iniex ċert.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Jiġifieri qed tgħid li t-teknoloġija mhux se tkun the latest għax l-ispejjeż huma kbar wisq.

ONOR. ANTON REFALO: Le, m'iniex qed ngħid hekk.

ONOR. REBEKAH BORG: M'hemmx l-obbligu li t-teknoloġija tkun the latest technology.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Mela spjegalna għax forsi ma ftehmniex.

ONOR. REBEKAH BORG: Qed tneħħi l-obbligu.

ONOR. ANTON REFALO: Iktar tista' tispjega d-direttur. Għaliex tneħħiet din il-biċċa?

DR MARIKA GATT: L-għan li tneħħiet din huwa għaliex b'dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, tal-latest technology u tan-necessary specialists, mhux bilfors li l-isptar kien in line mal-liġi li tgħid li jrid ikollok X-ray, irid ikollok... Billi għandek the latest technology, jista' ma jkollokx l-equipment kollu li hemm imniżżel fil-liġi tal-isptarijiet. Aħna ħassejna li l-isptar irid ikun in line mal-liġi u joffrilna s-servizz kif huwa mniżżel fil-liġi. Għax għalxejn ikollok the latest technology tal-washing machine, biex nagħti eżempju, u ma jkollokx the latest technology tal-X-ray u ta' kollox.

ONOR. REBEKAH BORG: Imma qabel kienet the latest technology u l-apparat kollu li hemm bżonn skont il-liġijiet; ma kenitx speċifikata jekk kellek il-local legislation. Jiġifieri qabel kellna l-obbligu tal-latest technology u l-apparat neċessarju skont il-liġi, u issa qed inneħħu l-obbligu tal-latest technology imma l-apparat skont il-liġi se jibqa'.

IĊ-CHAIRPERSON: Nitlob lil min mhux qed jitkellem sabiex jitfi l-microphones għax inkella jkollna geġwiġija. Ministru, għidli jekk iniex qed nifhimha sew jew le. Intom qegħdin tgħidu li biex dan l-isptar jiffunzjona skont ir-regolamenti Maltin u Ewropej, għax illum ir-regolamenti Ewropej li qegħdin tikkwotaw huma traskritti fil-liġi Maltija, irid ikollu teknoloġija li hija skont dak il-livell, li jista' jkun ma tkunx the latest technology għax jista' jkun li t-teknoloġija li jkollu, għalkemm ikun ħareġ mudell ieħor, xorta tkun qiegħda taħdem. Hekk qegħdin tgħidu?

ONOR. DARREN CARABOTT: Sur President, jekk tippermettili, fl-2016 dan il-Kumitat irriżolva li l-isptar għandu jingħata lill-kuntrattur jekk dan ikun mgħammar bl-aħħar teknoloġija. Allura l-kuntrattur kien jaf b'dan l-obbligu.

IĊ-CHAIRPERSON: Qed nifhem, imma ejjew nippruvaw nifhmu x'inhi l-emenda tal-Ministru.

ONOR. DARREN CARABOTT: Issa jien qed nistaqsi: Intom hawnhekk qed tpoġġu riżoluzzjoni li fiha – u se nuża kelma iebsa – qed taħfru lill-kuntrattur milli jkollu l-aħħar teknoloġija? Jien hekk qed nifhem.

ONOR. ANTON REFALO: Le, mhux hekk qegħdin ngħidu. Kif qal iċ-Chairman, kull sptar, anke tal-annimali,

irid ikun konformi mal-liġi Ewropea. Jista' jkun li l-isptar ikun konformi mal-liġi tal-Ewropa, imma wara toħroġ teknoloġija oħra li ma jkollux. Allura aħna qegħdin ngħidu li jekk ma jkollux the latest technology u jkun konformi mal-liġijiet kollha, inkluż il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, dan l-isptar xorta jkun jista' jaħdem.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Però mhijiex diskriminatorja li meta ntgħażel dan il-kuntrattur biex imexxi dan l-isptar kien hemm dik il-kundizzjoni, li hija ta' importanza vitali? Allura issa li għaddew dawn is-snin, kif qal tajjeb il-kollega, se nnaqqsu minflok se nżidu l-livell ta' dan il-post? Waqt li nifhem ukoll dak li qed tgħid Dr Gatt, jiġifieri li ladarba aħna nkunu konformi ma' dak li huwa mistenni minna huwa tajjeb u huwa dak li huwa rikjest, ma nafx kif issa se naċċettaw li jkollna teknoloġija ta' livell inqas.

IĊ-CHAIRPERSON: L-Onor. Bedingfield.

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ma naħsibx li qegħdin jgħidu hekk. Milli qed nifhem hawnhekk huwa li qed jgħidu li l-liġi supercedes il-kuntratt, u fil-liġi hemm biżżejjed biex tassigura li min se jieħu dan l-isptar, jew min qed imexxi l-isptar, ikollu makkinarju li jkun tajjeb u jkun ta' livell għoli, ta' livell internazzjonali u ta' livell Ewropew. Jekk inti qed torbot fil-kuntratt li jkun hemm the latest technology, u toħroġ magna kull sena, allura tkun qed tobbliga lil min qed imexxi l-isptar li kull sena jrid ibiddel il-magna. (Interruzzjonijiet) Aħna x'għandna quddiemna llum irridu naraw mhux x'kien hemm qabel. Jekk irridu li jkollna dan it-tip ta' artiklu biex imbagħad tiġi s-sena d-dieħla u dan l-isptar jagħlaq għax ma jkunx funzjonabbli, għidulna u nagħmluha, imma ma jistax ikun li nobbligaw kuntrattwalment lil min qed

imexxi biex jekk toħroġ magna kull sena jbiddel magna kull sena. U jekk joħorġu tnejn f'sena x'se jagħmel? Ibiddel tnejn f'sena?

ONOR. JANICE CHETCUTI: Imma għalfejn inkiteb hekk? Ma kienx jaf għalxiex dieħel?

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Inkiteb hekk għax probabbilment min kien qed jagħmel dik il-klawosla dak iż-żmien ma ħasibx f'dan, u llum, wara li kien hemm l-esperjenza mill-2016 sal-lum, ra li jkun aħjar li jneħħi l-kelma "latest" u jħalli l-obbligi li joħorġu mil-liġi li huma biżżejjed biex imexxi sptar b'mod li jkun ta' livell għoli. M'aħna se nnaqqsu xejn għax is-servizz se jibqa' jingħata l-istess. Issa jekk ikollok magna ta' X-ray li tagħmel mod u oħra li tagħmel mod ieħor għax ikollha xi tibdil żgħir, se tkun qed tobbliga lil min qed imexxi sabiex jibdel il-magna, imbagħad se jiżdiedu l-ispejjeż u nispiċċaw biex l-isptar tal-annimali jkollu jagħlaq qabel ma biss jiftaħ.

ONOR. REBEKAH BORG: Il-problema hija li s-servizz se jitnaqqas. U dan qed nitkellmu fuq klawosla waħda biss.

ONOR. ALICIA BUGEJA SAID (Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali): Għaliex se jitnaqqas is-servizz?

ONOR. REBEKAH BORG: Ħa nagħti eżempju wieħed. Bil-permess taċ-Chairman se mmur fuq l-artiklu li jgħid li mhux se jibqa' jingħata l-25% discount fuq neutering lill-NGOs. Jiġifieri s-servizz se jonqos, ma nistgħux ngħidu li s-servizz mhux se jonqos.

ONOR. GLENN BEDINGIELD: In-neutering se jibqa' jsir.

ONOR. DARREN CARABOTT: Le.

ONOR. REBEKAH BORG: Le. Qabel l-NGOs…

ONOR. GRAHAM BENCINI: Id-discount se jitneħħa.

IĊ-CHAIRPERSON: Ħudu paċenzja, titkellmux f'daqqa.

l-Onor. Bugeja Said.

ONOR. ALICIA BUGEJA SAID: L-issue hija li rridu naraw x'inhu vijabbli biex dan l-isptar ikompli jopera u biex nagħtu servizz veterinarju lill-annimali. Niftakru li dan huwa l-uniku sptar tal-annimali fil-pajjiż. Jekk fil-passat daħlet kelma li ma tagħmilx sens, jiġifieri li wieħed irid joqgħod jaġġorna u l-qligħ li jagħmel jispiċċa jonfqu f'magna, se nkunu qegħdin immorru kontra l-prinċipju li nżommu dan l-isptar vijabbli u biex jagħti l-protezzjoni meħtieġa lill-annimali abbandunati li aħna, bħala Direttorat, niddependu ħafna fuq l-operat tiegħu.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Jiena persuna li kont naħdem f'dan il-post meta nfetaħ dan l-isptar; ma kontx parti li ffirmajt jew ipparteċipajt fil-kuntratt imma kont hemmhekk. I can live with li t-teknoloġija ma tkunx the latest, jekk nassigura ruħi, kif spjegatilna Dr Gatt, li kollox se jkun compliant. Lili li jurtani huwa dak li hemm fil-ħames paragrafu tat-tieni paġna tar-riżoluzzjoni... L-għan prinċipali tal-isptar kien l-istray animals. Fil-ħames paragrafu tat-tieni faċċata tar-riżoluzzjoni hemm hekk:

> "...il-pazjenti li jittieħdu mill-AWPSD, illum magħruf bħala Animal Welfare Directorate (AWD), jkunu jinħtiegu ħafna aktar attenzjoni u ħin biex jirkupraw minn pazjenti li jkunu ġejjin minn djar privati meta wieħed iqis l-ambjent li jkunu ġejjin minnu inkluż il-fatt li sidien privati jieħdu l-annimali tagħhom id-dar malajr

kemm jista jkun biex jevitaw aktar spejjeż u inkonvenjent.".

Jiġifieri kważi kważi, l-annimali miġburin mill-AWD qed narawhom bħala ż-żejda, li qed jeħdulna l-ħin għax qed jibqgħu hemmhekk. Fil-kuntratt oriġinali kien hemm li l-ewwel 2,000 annimal jingħataw il-kura fl-isptar b'xejn, u issa f'daqqa waħda din m'aħniex qegħdin narawha f'dan il-kuntratt.

ONOR. DARREN CARABOTT: Tneħħiet il-kelma "b'xejn".

ONOR. JANICE CHETCUTI: Il-25% skont li se jagħtu lill-AWD, qabel lanqas kważi kien hemm bżonnhom minħabba li dawn l-annimali kienu jiġu kkurati b'xejn. Mela neħħejna l-100% u se nagħtu 25%! Ikkoreġini u mexxini. Irrid nara jekk iniex qed nifhem sewwa.

IĊ-CHAIRPERSON: Id-Direttur.

DR MARIKA GATT: Jien m'iniex se nidħol fl-aspett kuntrattwali għax jiena persuna teknika, imma rrid nagħti ftit history u ngħid għalfejn bħala direttorat ħassejna l-bżonn li ma kienx qed jaħdem.

Meta kien sar it-tender, u naħseb li ħadd minna ma kien involut fih, kien sar fuq xi ħaġa fitizzja għax Malta qatt ma kien hawn sptar.

ONOR. REBEKAH BORG: Għal liema sena qed tirriferi? Għall-2016?

DR MARIKA GATT: Naħseb li t-tender ħareġ fl-2015.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Ma kienx fittizju għax diġà kien qed jopera.

DR MARIKA GATT: Imma ma kienx sptar, kien clinic. (Interruzzjonijiet) Le, ma kienx in line mal-liġi – u

għalhekk ħassejna l-bżonn li nsemmu l-liġi – u allura qatt ma ngħatalu l-permess ta' sptar. Fil-fatt, meta kien ħareġ dan it-tender – u nerġa' ngħid li aħna ma konniex involuti – il-kalkoli li saru kien fuq dak iż-żmien, u ċjoè li l-2,000 kien kemm kienu jidħlu annimali tal-AWPSD, li dak iż-żmien kien ħafna inqas minn 2,000. Peress li issa kibret l-awareness, l-2,000 qed naqbżuhom kull sena.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Inqas minn 2,000?

DR MARIKA GATT: Ħafna inqas minn 2,000. (Interruzzjonijiet) Għandna l-istatistika.

ONOR GLENN BEDINGFIELD: Kemm kien hemm?

ONOR. JANICE CHETCUTI: Jien għamilt żball għax għedtilkom fl-2016, imma fil-fatt meta nfetaħ iċ-ċentru.

DR MARIKA GATT: Bħala clinic mhux bħala sptar.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Bħala clinic, u għalhekk qiegħda nikkoreġi lili nnifsi. Dak iż-żmien kienu jidħlu bejn wieħed u ieħor madwar 500 annimal tal-AWD fix-xahar.

DR MARIKA GATT: Mela m'hemmx records.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Jekk għadhomx hemm ma nafx, imma nassiguirak li records kien hemm.

DR MARIKA GATT: Mill-files joħroġ li l-istima tal-2,000 kienet saret billi raw kemm kienu jidħlu annimali fis-snin ta' qabel, għamlu persentaġġ li m'iniex ċerta kemm hu, u żiedu n-numru ta' annimali. Aħna l-2,000 qed naqbżuhom f'nofs is-sena, u qed jiġri li l-kuntratt mhux qed ikoprina wara l-2,000, u allura ridna li meta naslu fl-2,000 ma noqogħdux naraw taħt liema

kuntratt se nitfgħu l-annimali l-oħra, imma ridna li jkollna an open book, kif inhi, fis-sens li l-annimali kollha jidħlu b'xejn, b'konsultazzjoni ta' nofs siegħa.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Li xtaqt ngħid jien hu li din is-sena rajna wkoll tnaqqis fil-baġit li ngħata l-AWD. Jekk il-flus se jitnaqsu u saħanistra n-numru ta' 2,000 mhux se jibqa' hemmhekk, x'se jiġri mill-annimali? Kif se jingħataw il-kura li kienu qegħdin jingħataw? Onestament dak huwa t-tħassib prinċipali tiegħi. Jekk issa l-isptar mhux se jagħmel catering għall-ewwel 2,000 annimal...

DR MARIKA GATT: Issa qiegħda li ma jistax jagħmel limitu, imma jrid idaħħalhom kollha.

ONOR. REBEKAH BORG: Surgical operations mhux se jkunu b'xejn.

DR MARIKA GATT: No.

ONOR. REBEKAH BORG: Se jkollhom 25% discount. Jiġifieri jekk l-AWD iġib qattus li għandu bżonn operazzjoni ta' ksur ta' sieq, li nafu li hija expensive, min se jħallas għaliha?

DR MARIKA GATT: Kif qed inħallsu bħalissa. Bħalissa nħallsu l-cost price.

ONOR. REBEKAH BORG: Imma qabel 2,000 kienu b'xejn, mentri llum...

DR MARIKA GATT: No. Il-visit u l-ħin huma b'xejn, mill-bqija l-expenses xorta nħallsuhom kollha.

ONOR. REBEKAH BORG: Jiġifieri d-discount ma kienx japplika qabel?

DR MARIKA GATT: No. Issa qed japplika d-discount ta' 25%.

ONOR. REBEKAH BORG: Però, f'paragraph 12(b) qabel kien hemm:

"Emphyteuta must provide free Veterinary Services including but not limited to consultations, surgical operations and treatment for the first two thousand (2,000) animals adimitted by AWPSD on an annual basis.".

Jiġifieri kienu b'xejn.

ONOR. DARREN CARABOTT: U tneħħiet il-kelma "free".

DR MARIKA GATT: Il-ħin kien b'xejn mhux il-cost, jiġifieri aħna konna nħallsu għall-mediċini at cost price.

ONOR. REBEKAH BORG: Le, mhux għall-mediċini qed ngħid, imma għall-operazzjoni nnifsiha. Qabel kienet b'xejn.

DR MARIKA GATT: Il-ħin tal-veterinarju kien b'xejn, mill-bqija konna nħallsu għall-ispejjeż.

ONOR. REBEKAH BORG: Il-mediċina issa se tkun at market price. Jiġifieri fejn qabel operation kienet tiswa a certain amount għall-AWD, illum se tiġi tiswih ħafna aktar.

ONOR. JANICE CHETCUTI: U b'baġit inqas.

DR MARIKA GATT: Il-baġit tal-clinic ma naqasx, l-istess baqa'.

ONOR. REBEKAH BORG: Il-punt huwa li mid-dehra fl-2016 ma kienx hemm studji jew statistika biżżejjed biex isir kuntratt li jirrifletti sew il-futur, u llum l-AWD se tbati minħabba f'hekk.

IĊ-CHAIRPERSON: L-Onor. Bencini.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Tista d-direttur tispjegalna kif illum hemm 25% discount fuq in-neutering fil-każ ta' stray animals – dan

jingħad f'artiklu 12(h) – u issa, skont dak li qara l-Ministru, dan id-discount se jitneħħa minn fuq in-neutering...

ONOR. ANTON REFALO: Issa niġu għaliha.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Ippermettili, qed nistaqsi lid-direttur.

ONOR. ANTON REFALO: Ħa nħalluha...

ONOR. GRAHAM BENCINI: Le, mhux inħalluha, Ministru. Inti spjegajtilna li n-neutering... (Interruzzjonijiet) Sur President, qed nagħmel mistoqsija.

IĊ-CHAIRPERSON: Ministru, ħallih jagħmel id-domanda.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Ministru, inti għedtilna li n-neutering tneħħiet mill-klawsola. Illum, jekk tgħaddi r-riżoluzzjoni kif qed tipproponiha inti, in-neutering se tkun at cost price and not at 25% discount price. Għal-liema raġuni tneħħa s-servizz tan-neutering mid-discounted service meta qegħdin nippruvaw innaqqsu l-istrays mit-toroq tagħna u mhux inżiduhom? Jekk se nneħħu l-25% neutering service, din se tiġi at cost price u allura se jkun hemm aktar strays.

ONOR. DARREN CARABOTT: Għalfejn tħalliet barra l-kelma "neutering"?

ONOR. GRAHAM BENCINI: Għalfejn neħħejtu l-kelma "neutering"?

IĊ-CHAIRPERSON: Il-Ministru.

ONOR. ANTON REFALO: Sur President, aħna nilqgħu s-suġġeriment tal-Oppożizzjoni li n-neutering jibqa' kif kien qabel, jiġifieri qegħdin ngħidu "consultations, neutering,

surgical operations and treatment".

ONOR. REBEKAH BORG: Jiġifieri l-NGOs se jkomplu jibbenefikaw minn 25% discount?

ONOR. ANTON REFALO: Iva.

IĊ-CHAIRPERSON: Ministru, ħu nota tagħha ħalli tressaq emenda. Hawn aktar rimarki? L-Onor. Carabott.

ONOR. DARREN CARABOTT: Konna qegħdin f'punt però ddevjajna minnu għax qbiżna fuq il-kwestjoni tan-neutering. Jien se nagħmel riferenza għal artiklu 2(d) tad-draft deed u artiklu 12(d) kif inhu fid-deed oriġinali. Kif inhi bħalissa tgħid hekk:

> "The Emphyteuta must provide free Veterinary Services.".

Illum, kif tridu tagħmluha, tneħħiet il-kelma "free" u se tiġi taqra hekk:

> "The Emphyteuta must provide Veterinary Services.".

Għalfejn meta għamiltu d-draft deed għamiltu biċ-ċert li li titneħħa l-kelma "free"?

ONOR. REBEKAH BORG: Qabel, il-consultation, surgical operations u treatments għal 2000 animals kienu b'xejn, u llum tneħħiet il-kelma "b'xejn".

THE CHAIRPERSON: Dr Gatt.

DR MARIKA GATT: Nista' ngħid li l-għan tagħna bħala dipartiment kien li nneħħu l-capping tal-2,000 għax kellna problema meta naqbżu l-2,000 u konna qegħdin niffukaw aktar fuq kif se nkomplu dan is-servizz meta Malta għandna sptar wieħed. Kif nafu Malta għandna sptar wieħed tal-annimali, u meta għandek

dawn l-istray animals, jew ikollna ħafna rescues... Id-differenza bejn sptar u clinic hija li filwaqt li fl-isptar tista' tagħmel overnight, fi clinic huwa llegali li jżommu l-annimal. Peress li l-pazjenti tagħna ħafna drabi jkollhom bżonn jibqgħu overnight wara l-operazzjoni, l-għan ewlieni tagħna kien din tal-2,000. Il-"free" mhux tneħħew proprja imma saret free consultation of half an hour. Jekk tkun aktar minn half an hour, jiċċarġja bil-prezzijiet...

ONOR. DARREN CARABOTT: Ladarba l-problema kienet il-limitazzjoni tal-2,000, ma setax jiġi quddiemna hawnhekk u nergħu ninnegozjaw u nżiduhom, minflok nillimitaw ruħna u nkunu kuntenti li għax dak iż-żmien kienet 2,000 nibqgħu hekk?

ONOR. JANICE CHETCUTI: L-għan primarju dejjem kien li dan se jkun l-isptar li se jikkejterja għal stray animals. Jien nifhem li għandu jkun self funded, and I can live with not having the latest technology ħalli l-isptar isalva u jkompli jkun vijabbli però li jien nitlaq l-għan prinċipali ta' dan l-isptar – u f'dan il-paragrafu saħansitra qed ngħidu li qed jeħdulna l-post u kollox – u nibdew narawhom żejda u ngħidu li ma nistgħux nikkejterjaw għalihom minħabba li l-isptar mhux se jkun profitable... Fi kliem ieħor...

IĊ-CHAIRPERSON: Il-punt huwa magħmul għax inkella noqogħdu nduru mal-istess affarijiet. Jekk il-Ministru...

ONOR. GRAHAM BENCINI: Jien nixtieq inżid fuqha.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-punt huwa magħmul u ma nixtieqx li nibqgħu nduru fuq l-istess ħaġa. Jekk il-Ministru, bħalma ġara meta kellna s-suġġeriment tan-neutering, irid jieħdu...

(Interruzzjonijiet) Ministru, jekk m'aħniex se nsibu consensus nippreferi li nissospendu, jekk hemm bżonn isiru xi diskussjonijiet, u niġu ġurnata oħra b'xi ħaġa li jista' jkun hawn qbil unanimu dwarha. Jekk ma jkunx hawn, nieħdu vot u mmorru l-Plenarja, imma jekk nistgħu naslu biex ikollna consensus, nippreferiha. Ministru, jekk tgħidli li assolutament m'hemmx x'tara, ngħaddu għall-vot, imma jekk taħsbu li b'xi mod nistgħu nsibu soluzzjoni għaliha, m'hemmx għalfejn nagħlquha llum, imma nistgħu nissosspendu għal darb'oħra.

ONOR. ANTON REFALO: Sur President, jien dejjem ħdimt għal li jkun hemm kunsens bejn kulħadd.

IĊ-CHAIRPERSON: Mela jien qed nifhem li fuq il-kwestjoni tan-neutering se jkun hemm l-emenda li din se tiġi bil-25%, fuq il-kwestjoni tat-teknoloġija jidher li kif qed tiġi spjegata hija aċċettabbli għal kulħadd, u dwar il-kwestjoni tal-2,000 annimal free se nissospendu biex naraw insibux soluzzjoni għaliha.

L-Onor. Bencini.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Jien kont se nagħmel punt ieħor dwar dan l-istess artiklu, jiġifieri fuq 12(b). Qabel, dan kien jgħid:

> "Emphyteuta must provide free Veterinary Services including but not limited to consultations, surgical operations and treatment...".

U issa hawnhekk qiegħda tiġi proposta li ssir li l-emphyteuta must provide free consultation to a maximum of half an hour. Jiġifieri neħħejna l-free services tas-surgical operations and treatment. Jekk fhimt sew, Dr Gatt qalet li l-problema kienet dwar il-capping. Imma din m'għandhiex x'taqsam mal-

capping għax hawnhekk naqqastu s-servizzi b'xejn.

DR MARIKA GATT: Jien qed ngħid x'kien il-għan tagħna bħala dipartiment u direttorat, imma nista' nispjega u nagħti ftit insight, għalkemm mhuwiex direttament linked magħna. Aħna nafu li minn mindu sar il-kuntratt, l-awareness kiber ħafna u tbiddlu ħafna affarijiet, anke fejn jidħlu l-operazzjonijiet li jistgħu jsiru fuq l-annimali eċċ. Fejn qabel konna noħolmu li nagħmlu prosthetic leg lil xi annimal? Erba' snin ilu żgur li ma konniex noħolmuha din, u allura aħna rridu nħallu dawn il-possibilitajiet miftuħin. Il-ħin li għandek biex tagħmel dawn l-affarijiet huma relattivi għaż-żmien li jieħdu biex tagħmel l-operazzjoni. Naf li din kienet waħda mill-konsiderazzjonijiet.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Ma naqbilx miegħek meta qed tgħid li trid tħalli l-options open għax hawnhekk qed tillimita s-servizzi b'xejn, għax filwaqt li qabel l-emphyteuta kien marbut li jipprovdi s-servizz ta' consultations, issa qegħdin tipproponu li tkun free for the first half an hour of consultation u neħħejtu l-obbligu tal-emphyteuta li jipprovdi surgical operations and treatment on a free basis.

DR MARIKA GATT: Naf li waqt id-diskussjonijiet ma kenitx direttament maqbula ma'... Aħna fuq in-numri l-aktar li konna... Dak iż-żmien li nkiteb il-kuntratt ma kienx jgħaddilna mill-kuruturi ta' moħħna li nagħmlu operazzjonijiet li jdumu s-sigħat twal, li allura skont il-kuntratt riedu jsiru b'xejn. U dak iż-żmien ma setgħux isiru għax ma kienx hemm ċertu equipment, u issa hawn f'dan l-isptar.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Allura aktar u aktar imisshom isiru la hawn l-equipment.

DR MARIKA GAT: Isiru.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Imma mhux b'xejn! Trid tħallas għalihom.

DR MARIKA GATT: L-għan tagħna huwa li nsalvaw l-isptar.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Imma l-idea tal-isptar kienet li nipprovdu sptar għall-istrays.

DR MARIKA GATT: L-għan tagħna huwa li jkollna l-isptar biex jinqdew il-pazjenti kollha. Barra aħna, bħala AWD, anke ukoll in-nies. Għandek ċerti operazzjonijiet li bilfors iridu jsiru l-isptar. Meta bdejna bl-implimentazzjoni rrealizzajna li konna qegħdin nagħmlu rikjesti għal ċerti operazzjonijiet, li fl-antik lanqas biss setgħu jsiru, jew inkella ma kienx hawn in-knowhow dwarhom, li kienu qed jieħdu aktar żmien milli kien imbassar meta konna dħalna f'dan il-kuntratt. Aħna rridu nħallu l-option li kull ħaġa li nistgħu nagħmlu lill-klieb u lill-qtates issir, anke against a price. (Interruzzjonijiet)

ONOR. GRAHAM BENCINI: Imma now you get nothing; mhux monkeys, nothing.

ONOR. ANTON REFALO: Jiġifieri aħna qed ngħidu li lesti li nħallsu kollox għall-animali.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Le, mhux hekk qed tgħidu. Mhux intom se tħallsu kollox, imma l-NGOs se jħallsu kollox.

ONOR. DARREN CARABOTT: Aħna qed ngħidulkom biex iżżidu u inti qed tnaqqas.

IĊ-CHAIRPERSON: L-Onor. Carabott.

ONOR. DARREN CARABOTT: Ministru se nagħmel riferenza għal artiklu

12(c) tal-kuntratt oriġinali u artikli 2(e) u 3(e) li hemm fid-draft deed. Fl-aħħar biċċa tal-kondizzjoni kif inhi llum bħalissa fis-seħħ hemm li:

> "The Emphyteuta shall charge at cost price".

Meta mbagħad immorru għall-mod kif intom qegħdin tipproponuha llum naraw li qiegħda tgħid li:

> "The Emphyteuta shall charge at current market price".

Jiġifieri qed ikun hemm bidla, għax bħalissa l-obbligazzjoni fuq il-kuntratturi hija li d-direttorat iħallas at cost price, mentri issa qegħdin timmiraw li jidħol fis-seħħ skont at market price. Naħseb li kulħadd ma' din il-mejda jaqbel li se jkun hemm żieda fil-prezz, jiġifieri intom qegħdin tipproponu biex naqblu li jkun hemm żieda fil-prezzijiet imħallsa għal dak li bħalissa mhuwiex fis-seħħ. Bħalissa qegħdin inħallsu cost price, u intom qed tgħidu biex immorru għal market price. Għalfejn din id-differenza? Għalfejn ma titħalliex cost price jekk dik hija l-obbligazzjoni fil-kuntratt?

IĊ-CHAIRPERSON: Il-Ministru.

ONOR. ANTON REFALO: Sur President, il-problema hija dik li semmiet tajjeb id-Direttur Ġenerali. Il-kuntratt kien sar fi żmien meta ħadd ma kien jgħaddilu mit-tubu ta' moħħu kif kienu se jiżvolġu l-affarijiet, mentri llum l-affarijiet tant marru 'l quddiem... Għandna problema kbira li dan huwa l-uniku sptar tal-annimali li jeżisti f'Malta u qegħdin nagħmlu ħilitna kollha biex ikompli jiffunzjona – allaħares ma jibqax jiffunzjona dan l-isptar għax niddubita jekk hemmx xi ħaddieħor interessat li jagħmel sptar bħal dan – u qegħdin nippruvaw insalvawh. Aħna lesti ninnegozjaw u naraw liema

huma l-aħjar kundizzjonijiet, però fl-istess ħin irridu nżommu quddiem għajnejna li dan huwa l-uniku sptar f'pajjiżna u jekk dan l-isptar jispiċċa u jagħlaq ikun diżastru għall-animal welfare f'pajjiżna.

ONOR. DARREN CARABOTT: Jiġifieri l-iskop tiegħek hija li jogħlew il-prezzijiet imħallsa mill-...?

ONOR. ANTON REFALO: Le, l-iskop tiegħi mhux li jogħlew il-prezzijiet, imma li l-AWD ikollhom sptar jaħdem f'Malta.

ONOR. DARREN CARABOTT: Imma għalfejn minn cost price għamiltuha market price? Dik hija l-mistoqsija tiegħi.

ONOR. ANTON REFALO: Għax is-sitwazzjonijiet tant ikkumplikaw ruħhom, tant avvanżaw l-affarijiet u tant qegħdin nagħtu lill-annimali l-aħjar possibbli, anke fit-treatment, li ma jistax ikun li dan l-isptar jagħlaq. Allaħares dan l-isptar jagħlaq!

ONOR. DARREN CARABOTT: Ħa nagħmluha ċara, ħadd ma jrid li l-isptar jagħlaq. Nassigurak li din il-mejda, jekk taqbel fuq xi ħaġa, nispera f'Alla li taqbel li jkun hemm sptar miftuħ bi kwalità tajba. Dik żgur nispera li kulħadd ma' din il-mejda jaqbel dwarha. Imma l-mistoqsija tiegħi hija għalfejn bħalissa hemm obbligazzjoni li bħala Stat jagħti għajnujna at cost price, u se ngħolluha għal market price.

IĊ-CHAIRPERSON: Ejjew nimxu b'dan il-mod. Se nidentifikaw fejn hemm il-problemi l-ewwel... Tan-neutering diġà hemm soluzzjoni għaliha, u jidher li hemm problema dwar artikli 3(d) u 3(e) li tiġi t-12(c) li għadna ma solvejniex.

Aktar kummenti? L-Onor. Chetcuti.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Il-Ministru qed jgħid li f'dan l-aħħar żmien rajna increase ta' annimali li qegħdin jinġabru. Kif qalet id-Direttur hawnhekk...

ONOR. ANTON REFALO: Li qegħdin jiġu kkurati mhux li qegħdin jinġabru.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Jinġabru mhux biex jiġu kkurati? Fuq hekk qegħdin nitkellmu. Skużani, assumejt li qegħdin nitkellmu bl-istess lingwa. Qabel kienu jinġabru, biex jiġu kkurati, madwar 500 annimal fix-xahar. Jekk ir-records mhumiex hemm, hemm problema, imma ma jimpurtax. 500 fix-xahar, bejn wieħed u ieħor, sal-ewwel sitt xhur jagħmlu 3,000. Illum Dr Gatt qalet li, bejn wieħed u ieħor, jinġabru madwar 2,000 annimal sal-ewwel sitt xhur, jiġifieri diġà rajna tnaqqis fl-ammont ta' annimali li jinġabru. Fil-bidu ta' Diċembru jien għamilt mistoqsija parlamentari fejn staqsejt kemm hemm annimali bħalissa fiċ-Ċentru San Franġisk, u t-tweġiba mill-Ministru kienet li hemm erba' annimali. Jiġifieri jien qed nara kunflitt fir-risposti.

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Kif kienet miktuba l-mistoqsija preċiża?

ONOR. JANICE CHETCUTI: Kif kienet miktuba preċiżament il-mistoqsija ma nistax ngħidlek għax mhijiex qiegħda f'idejja bħalissa, imma kont staqsejt kemm hemm annimali li qegħdin jingħataw... (Interruzzjonijiet) Lanqas biss se nwieġbek għal din il-mistoqsija, imma qegħdin niftehmu b'għajnejna. (Interruzzjonijiet) Ma staqsejtx kemm kien hemm annimali dak il-ħin fis-6.30 p.m.

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Għalhekk għedtlek ġib id-domanda biex naraw x'kien il-kliem preċiż.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Lanqas hu worth it li nwieġbek.

IĊ-CHAIRPERSON: Onor. Bedingfield, il-punt huwa magħmul. Ejjew ħa nkomplu. Mela s'issa qed ngħidu li għandna problema dwar artikli 3(d) u 3(e).

ONOR. REBEKAH BORG: Mr Chairman, għandi kumment ġenerali, jekk jogħġbok.

IĊ-CHAIRPERSON: Qabel tiġi għall-kumment ġenerali, nistaqsi jekk hemmx kummenti speċifiċi rigward il-punti li m'aħniex qed naqblu dwarhom bħala Kumitat ħalli nkunu nafu fejn qegħdin. Jekk m'hemmx, nieħdu l-kummenti ġenerali.

L-Onor. Borg.

ONOR. REBEKAH BORG: Mr Chairman, jidher li l-kwestjoni hija l-vijabilità ta' kif l-isptar qed jopera bħalissa. Jien għandi l-annimali u ġieli mort l-isptar bħala klijenta privata, u rrid ngħid li l-isptar jipprovdi servizz tajjeb ħafna lill-klijenti privati. Naħseb li dwar dak qegħdin naqblu. Peress li hemm problema ta' vijabilità, u hemm klijenti privati li dan l-isptar jista' jrendi profitt mingħandhom, għalfejn is-soluzzjoni ma tkunx, bħal f'kull business ieħor, li jsir marketing aħjar b'mod li l-isptar ibigħ is-servizzi tiegħu b'mod differenti lill-klijenti privati? Għalfejn għandhom ibatu l-istrays? Jien kont waħda minn dawk li kont niġbor l-istrays u kont nagħmlilhom neutering minn butna stess għax m'hemmx is-servizzi neċessarji f'dan il-pajjiż. Għalfejn huwa l-AWD li, minħabba l-vijabilità, minħabba l-iżball, jew minħabba nuqqas ta' statistika, għidlu li trid, se jbati meta forsi jistgħu jiżdiedu l-klijenti privati? Jien m'iniex persuna fil-business, jiġifieri ma nafx x'inhuma l-marketing jew business strategies, imma hemm section oħra tal-isptar,

li hija l-klijenti privati. Għalfejn għandu jkun l-AWD li jbati, meta hemm business profitability oħrajn u marketing u business strategies oħrajn?

IĊ-CHAIRPERSON: Grazzi. L-Onor. Carabott.

ONOR. DARREN CARABOTT: Sur President, jien nixtieq nitlob għal sospensjoni qasira biex aħna, l-Membri tal-Oppożizzjoni, noħorġu barra u nirregolaw ruħna.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-Kumitat huwa sospiż.

Fis-7.30 p.m. il-Kumitat ġie sospiż u rriżuma 10 minuti wara.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-Kumitat qiegħed jirriżumi. Hawn aktar kummenti?

ONOR. JANICE CHETCUTI: Sur President, aħna xtaqna nagħmlu aċċenn għal dak li qegħdin naqblu dwaru, dak li m'aħniex qegħdin naqblu dwaru, u dak li nixtiequ naraw li jibqa' fil-kuntratt.

F'artiklu 6 napprezzaw li tibqa' hemm il-kelma "esklussivament"; jekk hemm bżonn li wieħed iżid xi termini oħrajn naraw li nżiduhom però mhux a skapitu li nneħħu t-terminu "esklussivament" mill-artiklu.

ONOR. ALICIA BUGEJA SAID: Tiġi kontradittorja.

IĊ-CHAIRPERSON: Imbagħad isibu l-kliem l-avukati. Jekk se nerġgħu naqbdu d-diskussjoni m'aħniex se naslu.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Dwar artiklu 10, fejn semmejna "latest technology", naħseb li tajtuna background tajjeb u ftehmna dwar dak li qegħdin ngħidu. Aħna l-pjaċir tagħna huwa li dan l-isptar ikompli jopera, li l-annimali jkomplu jiġu mfejqa, u li n-nies isibu sptar fejn imorru, u allura jekk

inkunu in line mal-liġi li tirregolarizza dan, inħalluha f'idejn l-esperti u m'għandniex inkunu aħna li naqilgħu problema.

Dwar artiklu 12(b) kellna ftit battibekk. Aħna b'mod assolut nixtiequ li tibqa' l-kelma "free", li qiegħda titneħħa. Aħna ma rridux nillimitaw ruħna u rridu nżommu mal-għan prinċipali li dejjem kien li dan l-isptar sar biex tingħata kura b'mod totali lill-istray animals. Nifhmu li jrid ikun self funding billi jagħti l-kura anke lill-annimali privati, però mhux bil-prezz li kważi kważi nneħħu lill-istrays mill-istorja. Jiġifieri aħna nixtiequ li tibqa' hemmhekk il-kelma "free".

ONOR. ANTON REFALO: Ippermettili ftit ħalli niċċara xi ħaġa għax tkellimt mas-Segretarju Permanenti, li minnaħa tiegħu qalli li d-differenza se jassorbiha d-dipartiment għax il-Finanzi tawna ammont aktar apposta biex inkunu nistgħu nassorbu d-differenza.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Imma dawk il-finanzi jistgħu jintużaw għal xi ħaġa aħjar, bħan-neutering campaign, rather milli biex tpatti għall-prezz.

IĊ-CHAIRPERSON: Ippermettuli. Ejjew niftehmu fuqiex m'aħniex qed naqblu. M'hemmx għalfejn insibu soluzzjoni llum, anzi nissuġġerixxi li nerġgħu niltaqgħu u in the meantime araw jekk tistgħux issibu soluzzjoni. Jekk taraw li m'hemmx allura nieħdu vot, imma jekk hemm ikun tajjeb li nsibuha.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Fl-istess artiklu aħna nixtiequ li jinżammu l-kliem "surgical operations and treatment" u mhux ikun hemm biss il-kelma "consultations".

ONOR. ANTON REFALO: Imma l-kliem "surgical

operations and treatmemnt" se jibqgħu hemm.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Fid-draft hemm li jkun hemm "consultations" biss.

ONOR. ANTON REFALO: Le, se jibqgħu hemm.

ONOR. GRAHAM BENCINI: Ministru, fid-draft deed qiegħed jiġi propost li the first half an hour of consultation tkun free. Issa aħna qegħdin ngħidu li għandna wkoll inħallu free il-consultation, surgical operations and treatments.

ONOR. ANTON REFALO: Fid-draft deed hemm li l-emphyteuta must provide free veterinary services...

ONOR. GRAHAM BENCINI: Free consultation biss.

ONOR. ANTON REFALO: Mela nżommu kollox.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Għar-rigward ta' artiklu 12(c) qed ngħidu li dak li kien cost price jibqa' cost price u mhux dan it-tip ta' servizz nagħtuh bħala market price. Il-benefiċċji li diġà qegħdin hemm, aħna nippruvaw inżommuhom mhux innaqqsu minnhom.

IĊ-CHAIRPERSON: Il-Ministru qal li għall-NGOs se tibqa' cost price u se tkun market price biss għad-dipartiment.
(Interruzzjonijiet) Jekk hemm bżonn li tiġi hekk naħseb li tkun aċċettabbli għal kulħadd.

ONOR. JANICE CHETCUTI: Fl-aħħar nett, jiena u l-kollegi tiegħi xtaqna ngħidu prosit rigward tan-neutering, li lilna niżlitilna tajjeb għax fil-verità l-annimali kollha se jgawdu minnha. (Interruzzjonijiet) Imma ta' min japprezza. Naħseb li dawk huma l-punti kollha li ridna nagħmlu.

IĊ-CHAIRPERSON: Qabel ma nagħlqu l-Ministru se jippreżenta l-emenda dwar in-neutering ħalli tkun lesta, imbagħad nissuġġerixxi li sakemm nagħmlu laqgħa oħra ilħqu araw jekk tistgħux issibu soluzzjoni.

ONOR. ANTON REFALO: Sur President, nipproponi din l-emenda:

"Paragrafu 3g li hemm f'paġna 5 tad-draft deed għandu jiġi jaqra hekk:

g. <u>Condition Twelve paragraph letter 'h' (12[h]) :</u>

'The Emphyteuta must provide a minimum of twenty-five percent (25%) discount on the commercial price for veterinary services such as consultations, neutering, surgical operations and treatment rendered to AWD and to registered voluntary organisations and/or non-governmental organisations working with stray animals. Such discount has to be clearly shown on every invoice issued to AWD and such organisations.'."

IĊ-CHAIRPERSON: Irrid nikkjarifika li mhuwiex l-obbligu ta' dan il-Kumtiat li bilfors naqblu fuq kollox, jiġifieri jista' jkun li naslu f'punt fejn ma naqblux, imma għandna nagħmlu sforz biex naslu. Jekk imbagħad ma naslux, il-proċedura hija li mmorru fil-Plenarja u jkun hemm diskussjoni hemmhekk.

L-Onor. Carabott.

ONOR. DARREN CARABOTT: Sur President, qed nifhem li l-Ministru se jkun qed jinforma lill-Oppożizzjoni bl-emendi qabel il-laqgħa mhux waqt il-laqgħa. Hux hekk?

IĊ-CHAIRPERSON: Il-Ministru qed jgħid li matul

dawn it-tliet ġimgħat se nilħqu nsibu...

ONOR. DARREN CARABOTT: Biex minflok niġu hawnhekk u niddiskutuhom waħda waħda, jikkomunikahom lilna qabel.

IĊ-CHAIRPERSON: Qabel nagħlqu se npoġġi l-mistoqsija fuq l-emenda li għadu kif ressaq il-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra?

ONOR. REBEKAH BORG: Sur President, il-problema hija li din tallaċċja ma' kundizzjoni oħra għax kif inhi bħalissa kulma tagħmel hu li ma ssemmix lill-AWD. L-AWD żdied minħabba kundizzjoni oħra li se tinbidel u li aħna m'aħniex qed naqblu magħha.

ONOR. DARREN CARABOTT: Sur President, l-aħjar li jagħtuna d-draft deed kollu korrett u nimxu minn hemmhekk.

IĊ-CHAIRPERSON: Jiddeċiedi l-Ministru x'se jagħtikom jew ma jagħtikomx, mhux se jkun dan il-Kumitat li jagħmel obbligu fuq il-Ministru, però jien se nissospendi d-diskussjoni fuq din ir-riżoluzzjoni u se nipposponuha għal data oħra. Ovvjament, jekk f'laqgħa oħra nkunu nistgħu naslu għall-qbil, jew kemm jista' jkun viċin il-qbil, ikun aħjar.

Jekk m'hawnx aktar riamrki nikkonkludu l-laqgħa tal-lum. Jien se nkun qiegħed nirrapporta fil-Plenarja dwar iż-żewġ riżoluzzjonijiet li kien hawn qbil unanimu dwarhom, jiġifieri dik ta' Ħamrun Spartans FC u dik ta' Luqa St. Andrew's FC. Nirringrazzjakom.

Fit-7.50 p.m. il-Kumitat aġġorna.